Nru./No. 21,195
Prezz/Price
€3.78

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 20 ta' Frar, 2024
Tuesday, 20th February, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1821 - 1838
Government Notices ..... *1821 - 1838*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1838 - 1840
Police Notices ..... *1838 - 1840*

Avviżi lill-Baħħara ..... 1840 - 1843
Notices to Mariners ..... *1840 - 1843*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 1843 - 1851
Employment Opportunities ..... *1843 - 1851*

Avviżi tal-Gvern ..... 1852 - 1859
Notices ..... *1852 - 1859*

Offerti ..... 1859 - 1863
Tenders ..... *1859 - 1863*

Avviżi tal-Qorti ..... 1863 - 1900
Court Notices ..... *1863 - 1900*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 239

BORD TAL-AWTORITÀ GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI TA' GĦAWDEX

IL-MINISTRU għal Għawdex u l-Ippjanar ħatar il-Bord għall-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Michael Grech

Viċi Chairperson
Is-Sa Charlene Xerri Gatt

Membri
Is-Sur Abraham Said
Is-Sur Daniel Borg
Dott. Samuel Azzopardi
Is-Sur Anthony Bezzina
Is-Sur Marcel Mejlaq

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-11 ta' Frar, 2025.

L-20 ta' Frar, 2024

Nru. 240

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja għal first-time buyers

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1605, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,748, tal-10 ta' Diċembru, 2021, u n-Notifikazzjoni tal-Gvern sussegwenti Nru. 385 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,832 tat-12 ta' April, 2022, l-iskema ta' għotja 'Għotja għal first-time buyers' qed tiġi emendata kif ġej.

Il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol nieda l-iskema li ġejja li għandha l-għan li tinċentiva u tassisti lil first-time buyers li jixtru proprjetajiet residenzjali li jkunu fiż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana (ŻKU), proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, u għal dawk il-proprjetajiet ġodda mibnija u rfinati kif definiti mil-linji gwida stabbiliti u approvati mill-awtorità kompetenti.

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

GOVERNMENT NOTICES

No. 239

GOZO REGIONAL DEVELOPMENT AUTHORITY BOARD

THE Minister for Gozo and Planning has appointed the Gozo Regional Development Authority Board as follows:

Chairperson
Mr Michael Grech

Vice-Chairperson
Ms Charlene Xerri Gatt

Members
Mr Abraham Said
Mr Daniel Borg
Dr Samuel Azzopardi
Mr Anthony Bezzina
Mr Marcel Mejlaq

These appointments remain valid up to the 11th February, 2025.

20th February, 2024

No. 240

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Grant for first time buyers

WITH reference to Government Notice number 1605, published in Government Gazette No. 20,748 of the 10th December, 2021, and the subsequent Government Notice No. 385 published in Government Gazette No. 20,832 of the 12th April, 2022, the grant scheme 'Grant for first time buyers' is being amended as follows.

The Ministry for Finance and Employment has launched the following grant scheme, that aims to incentivise and assist first-time buyers that purchase residential properties within Urban Conservation Areas (UCAs), properties that have been built for more than 20 years and have been vacant for more than seven years, and new properties built and finished as defined by the established guidelines and approved by the competent authority.

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta li tkun first-time buyer u uffiċjalment rikonoxxuta li tkun is-sid tal-proprjetà residenzjali privata li tkun fiż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana (ŻKU), jew is-sid tal-proprjetà residenzjali privata li ilha mibnija għal aktar minn għoxrin sena u li ilha vakanti għal aktar minn seba' snin, jew is-sid ta' proprjetà residenzjali privata ġdida mibnija u rfinata kif definit mil-linji gwida stabbiliti u approvati mill-awtorità kompetenti u liema persuna qed tapplika għal għotja taħt din l-iskema;

'awtorità kompetenti' tfisser bord jew entità oħra nominata jew maħtura mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għall-fini ta' din l-għotja.

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2024;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'applikazzjoni' tfisser applikazzjoni għall-għotja taħt din l-iskema li tkun saret b'dak il-mod kif meħtieġ u skont din l-iskema;

'First-time buyers' tfisser dawk il-persuni li jakkwistaw l-ewwel proprjetà immobbli tagħhom, akkwistata inter vivos u li hija maħsuba għar-residenza ordinarja unika tagħhom. L-ebda proprjetà oħra qatt ma kellha tkun mixtrija qabel.

'propjetà' tfisser, proprjetajiet li huma fiż-ŻKU, proprjetajiet mibnija għal aktar minn 20 sena u ilhom battala għal aktar minn seba' snin, u proprjetajiet ġodda mibnija u rfinati kif definiti mil-linji gwida stabbiliti u approvati mill-awtorità kompetenti u liema proprjetà tintuża mill-applikant għal skopijiet residenzjali biss;

'proprjetà privata residenzjali' tfisser binja li s-sid huwa persuna privata u li liema proprjetà hi għal użu residenzjali privat biss;

'proprjetajiet ġodda' tfisser proprjetajiet mibnija u rfinati kif definiti mil-linji gwida stabbiliti u approvati mill-awtorità kompetenti

'persuna' tfisser persuna fiżika u ma tinkludix xi entità organizzattiva;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment maħruġ skont l-Att Dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti Oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti;

'applicant' means any person who is a resident in Malta, who is a first-time buyer and officially recognised as being the owner of a private residential Urban Conservation Area (UCA) property, or the owner of a private residential property that has been built for more than 20 years and has been vacant for more than seven years, or the owner of a new private residential property built and finished as defined by the established guidelines and approved by the competent authority and which person is applying for a grant under this scheme;

'competent authority' means a board or other entity designated or appointed by the Minister responsible for finance for the purpose of this grant.

'effective date' means the 1st January, 2024;

'Malta' means the Maltese Islands;

'application' means an application for the grant under this scheme made in such manner as required and in terms of this scheme;

'First-time buyers' means those persons acquiring their first immovable property, acquired *inter vivos* and which is intended for their sole ordinary residence. No other property should have been bought before.

'property' means, properties that are within an UCA, properties that have been built for more than 20 years and have been vacant for more than seven years, and new properties built and finished as defined by the established guidelines and approved by the competent authority and which property is used by the applicant for residential purposes only;

'privately owned residential property' means a building owned by a private person and which property is used for private residential purposes only;

'new properties' means properties built and finished as defined by the established guidelines and approved by the competent authority.

'person' means a natural person and does not include any organisational entity;

'person residing in Malta' means a natural person who holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and Other Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or equivalent documentation issued by a competent national authority;

'Żona ta' Konservazzjoni Urbana (ŻKU)' tfisser żona fil-Gżejjer Maltin li hija legalment desinjata bħala żona ta' bini li għandu valur ta' wirt kollettiv skont l-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-2016, kif sussegwentement emendat u skont il-Pjan Strateġiku. għall-Ambjent u l-Iżvilupp TO8 UO2, UO3 u oħrajn u kif elenkat fil-Pjanijiet Lokali.

2. Min jista' japplika għall-għotja taħt din l-iskema

(i) Din l-iskema tirrigwarda applikanti eliġibbli li qed jakkwistaw l-ewwel proprjetà tagħhom. Il-proprjetà li għaliha qed issir applikazzjoni għall-għotja għandha tkun l-ewwel proprjetà immobbli tal-applikant akkwistata inter vivos mill-applikant u tkun akkwistata għal residenza unika u ordinarja u liema proprjetà hija proprjetà residenzjali privata hekk kif definiti fl-ewwel sezzjoni, liema proprjetà nxtrat mid-data effettiva jew wara, kif ippruvat mid-data tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà.

(ii) Biex ikunu eliġibbli għall-għotja, l-applikanti jridu jkunu konformi u l-ewwel ikunu rreġistraw il-kuntratt tal-akkwist tagħhom mal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana skont l- Leġiżlazzjoni Sussidjarja 364.19 Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà, u jkunu ppreżentaw prova legali u dikjarazzjoni li huma first-time buyers u li din hija l-ewwel proprjetà immobbli tagħhom akkwistata inter vivos skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 364.12, Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23.

Din l-Għotja tapplika għal proprjetajiet eliġibbli li nxtraw bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024. Madankollu, fejn jidħlu sidien ta' proprjetajiet ġodda, dawn jistgħu japplikaw biss għall-għotja ġaladarba l-proprjetà tkun mibnija u lesta kif definit mil-linji gwida stabbiliti u approvati mill- awtorità kompetenti.

Din l-Għotja tapplika wkoll għal dawk li fl-1 ta' Jannar, 2024, kienu fuq wegħda ta' bejgħ (konvenju) u kienu għadhom ma għalqux il-kuntratt tal-akkwist.

Għal proprjetajiet f'Għawdex li għalihom il-kuntratt tal-akkwist kien iffirmat qabel id-data effettiva iżda li għadhom ma rċevewx l-għotja, tkun tapplika l-għotja ta' €30,000 u d-data tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà tkun id-data applikabbli għall-fini tal-ammont tal-għotja dovuta. Għal proprjetajiet f'Għawdex li għalihom ġie ffirmat il-kuntratt tal-akkwist fid-data effettiva jew wara, tkun tapplika l-għotja ta' €40,000.

'Urban Conservation Area (UCA)' means an area within the Maltese Islands that is legally designated as an area of buildings having collective heritage value according to Article 57 of the Development Planning Act of 2016, as subsequently amended and in accordance with the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) TO8 UO2, UO3 and others and as listed in the Local Plans.

2. Area of applicability

(i) This scheme relates to eligible applicants that are acquiring their first immovable property. The property for which the grant is being applied for must be the applicant's first immovable property acquired *inter vivos* by the applicant and is acquired for sole and ordinary residence and which property is a privately owned residential property as defined in section one, which property was purchased from the effective date or afterwards, as proven by date on deed of Acquisition of property.

(ii) To be eligible for the grant, applicants must be compliant and have first registered their deed of acquisition with the Malta Tax and Customs Administration in terms of Subsidiary Legislation 364.19 Relief from Income Tax and from Duty on Documents and Transfers on Certain Property Transfers Rules, and have submitted legal proof and a declaration that they are first-time buyers and that this is their first immovable property acquired *inter vivos* in line with the requisites of Article 3 of Subsidiary Legislation 364.12, Exemption of Duty in terms of Article 23 Order.

This Grant applies to eligible properties that were purchased between 1st January, 2024 and 31st December, 2024. However, when it comes to owners of new properties, they can only apply for the grant once the property is built and finished as defined by the established guidelines and approved by the competent authority.

This Grant also applies to those that on the 1st January, 2024, were on a promise of sale (*konvenju*) and had not yet closed the deed of acquisition.

For properties in Gozo for which the deed of acquisition was signed prior to the effective date but which have yet not received the grant, the €30,000 grant would apply and the deed of acquisition date would be the cut off date in terms of the eligible grant due. For properties in Gozo for which the deed of acquisition was signed on or after the effective date, the €40,000 grant would apply.

(iii) Il-proprjetà li tibbenefika mill-għotja ma tistax tiġi diviża, fejn in-numru ta' units residenzjali jibqa' l-istess. Jekk il-propjetà tiġi sussegwentement żviluppata mill-ġdid f'unitajiet residenzjali separati, l-applikant ikollu jħallas lura l-ammont sħiħ tal-għotja mħallsa lilhom taħt din l-iskema.

(iv) Proprjetà waħda biss għal kull applikant hija eliġibbli biex tikkwalifika għal għotja taħt din l-iskema u applikant jista' jkun eliġibbli għal għotja taħt din l-iskema biss darba.

3. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu provduti:

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru biss permezz ta' portal/s elettroniku/ċi uffiċjali u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumentazzjoni kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(i) L-applikant għandu jissottometti wkoll kwalunkwe dokumenti li l-Ministeru responsabbli mill-finanzi, jista' jirrkjedi minn żmien għal żmien. Applikazzjoni ma titqiesx li ġiet sottomessa sakemm ma tkunx sħiħa u kompluta fl-aspetti materjali kollha u sakemm ma jkunx fiha l-informazzjoni kollha u tkun akkumpanjata mid-dokumentazzjoni kollha mitluba fiha.

(ii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fis-sezzjoni 4 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema. F'każ ta' applikazzjoni frawdolenti tittieħed azzjoni kriminali kontra l-applikant skont il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

(iii) Fejn jidħlu sidien ta' proprjetà residenzjali privata ta' Żona ta' Konservazzjoni Urbana (ŻKU), jew is-sidien ta' proprjetà residenzjali privata li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u li ilha vakanti għal aktar minn seba' snin, applikazzjonijiet taħt din l-iskema, għandhom jiġu sottomessi, sa mhux aktar tard minn sitt xhur mix-xiri tal-proprjetà kif muri mid-data tal-kuntratt tal-akkwist tal-proprjetà. Applikazzjonijiet li jaslu 'tard', jiġifieri wara l-perjodu ta' sitt xhur, għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet invalidi

(iv) Għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni sottomessa l-applikanti jistgħu jintalbu jippreżentaw id-dokumenti oriġinali li fuqhom tkun qed issir it-talba. Fin-nuqqas li jipproduċi tali dokumenti, l-applikanti jkunu obbligati li jħallsu lura l-ammont mogħti taħt l-iskema u f'każ ta' applikazzjonijiet frawdolenti tittieħed azzjoni kriminali skont l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

(iii) The property that benefits from the scheme cannot be divided, whereby the number of residential units will remain the same. If the property subsequently re-developed into separate residential units, the applicant will have to refund the full amount of the grant paid to them under this Grant.

(iv) Only one property per applicant is eligible to qualify for support under this scheme and an applicant can only be eligible for a grant under this scheme once.

3. Manner of application and supporting documents required:

Applications under this scheme shall be made only via the official electronic portal/s and must contain all the information, details and documentation as required in the said form and in terms of this scheme.

(i) The applicant must also provide any other document which the Ministry responsible for finance, may from time to time require. An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

(ii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in section 4 of the scheme. In the case of a fraudulent application criminal action in terms of the Criminal Code (Cap. 9) will be taken against the applicant.

(iii) When it comes to owners of a private residential Urban Conservation Area (UCA) property or the owners of a private residential property that has been built for more than 20 years and has been vacant for more than seven years, applications under this scheme, should be submitted by not later than six months from the purchase of the property as evidenced by the date on deed of acquisition of property. Applications received 'late', that is after the six months period, shall be deemed to be invalid applications.

(iv) For a period of not less than two years from the submitted application applicants may be requested to present the original documents upon which the claim is being made. Failure to produce any such documents upon request, applicants will be obliged to refund the amount paid under the scheme and in the case of a fraudulent applications criminal action in terms of article 309 of the Criminal Code (Cap. 9) will be taken.

4. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti eliġibbli jistgħu japplikaw għal għotja massima ta' €15,000 jekk il-proprjetà mixtrija tkun f'Malta u €40,000 jekk il-proprjetà mixtrija tkun f'Għawdex. Fil-każ ta' proprjetà mixtrija f'Għawdex, l-ammont dovut jiġi determinat kif stabbilit fi Klawsola 2 ta' dan l-avviż.

L-għotja finali li se tingħata tiġi stabbilita fuq bażi prorata skont is-sehem tal-proprjetà li tkun qed tiġi akkwistata.

5. Ħlas tal-Għotja

L-għotja titħallas lill-applikant, permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni,

6. Emendi għall-Iskema

Il-Ministeru responsabbli għall-finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

7. Tul tal-iskema

Din l-Iskema għandha titqies li bdiet fl-1 ta' Jannar, 2024, u għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru, 2024. Din l-iskema tista' tiġi modifikata jew mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u tista' tiġġedded skont il-ħtieġa permezz ta' Avviż ieħor fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Diżpożizzjoniet Transitorji

Applikazzjonijiet għall-għotja li jkopru l-perjodu bejn u waqt id-data effettiva u d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż tal-Gvern għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema sakemm l-applikazzjoni taqa' taħt il-kriterji ta' eliġibbiltà.

F'dawn il-każijiet transitorji, fejn jidħlu proprjetajiet residenzjali privati li jkunu fiż-Żona ta' Konservazzjoni Urbana (ŻKU), jew proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u huma vakanti għal aktar minn seba' snin, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż tal-Gvern.

4. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a maximum grant of €15,000 if the property purchased is in Malta and a maximum of €40,000 if the property purchased is in Gozo. In the case of property acquired in Gozo, the grant due is determined in terms of Clause 2 of this notice.

The actual amount allocated will be established on a pro-rata basis according to the share of the property being acquired.

5. Payment of Grant

The grant will be credited to the applicant, in the bank account that is indicated in the application.

6. Amendments to the Scheme

The Ministry responsible for finance reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

7. Duration of the scheme

This Scheme shall be deemed to have commenced on the 1st January, 2024, and shall remain in force till the 31st of December, 2024. This scheme may be modified or terminated by means of a Notice in the Government Gazette and shall be renewed as deemed necessary through another Notice in the Government Gazette.

8. Transitory Provisions

Applications for the grant that cover the period between and during the effective date and the date of publication of this Government Notice shall be deemed to be valid applications under this scheme provided that the application falls within the eligibility criteria.

In these transitory cases, when it comes to private residential Urban Conservation Area (UCA) properties or private residential properties that have been built for more than 20 years and have been vacant for more than seven years, applications shall be submitted within six months from the date of publication of this Government Notice.

Nru. 241

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (L.S 549.40)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Iskeda 3 tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda b'dan tippubblika l-ħinijiet applikabbli għall-ġbir tal-iskart minn kull kunsill lokali kif pprovdut lill-Awtorità mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali:

SKEDA GĦALL-ĠBIR TAL-ISKART

REĠJUN GĦAWDEX

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Il-Fontana	07.00
Għajnsielem	07.00
L-Għarb	07.00
L-Għasri	07.00
Ta' Kerċem	07.00
Il-Munxar	07.00
In-Nadur	07.00
Il-Qala	07.00
Ir-Rabat	07.00
San Lawrenz	07.00
Ta' Sannat	07.00
Ix-Xagħra	07.00
Ix-Xewkija	07.00
Iż-Żebbuġ	07.00

REĠJUN TAT-TRAMUNTANA

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Ħ'Attard	07.00
Ħal Balzan	07.30
L-Imġarr	07.00
L-Imtarfa	09.30
In-Naxxar	09.00
Il-Mellieħa	07.00
Il-Mosta	07.30
San Ġwann	07.00
San Pawl il-Baħar	07.00

No. 241

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas Regulations (S.L. 549.40)

IN exercise of the powers conferred by Schedule 3 of the Abandonment, Dumping and Disposal of Waste in Streets and Public Places or Areas Regulations, the Environment and Resources Authority is hereby publishing the applicable collection times for the collection of waste from each local council as provided to the Authority by the Local Government Division:

WASTE COLLECTION SCHEDULE

GOZO REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Fontana	07.00
Għajnsielem	07.00
Għarb	07.00
Għasri	07.00
Ta' Kerċem	07.00
Munxar	07.00
Nadur	07.00
Qala	07.00
Victoria	07.00
San Lawrenz	07.00
Ta' Sannat	07.00
Xagħra	07.00
Xewkija	07.00
Żebbuġ	07.00

NORTHERN REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Ħ'Attard	07.00
Ħal Balzan	07.30
Mġarr	07.00
Mtarfa	09.30
Naxxar	09.00
Mellieħa	07.00
Mosta	07.30
San Ġwann	07.00
St Paul's Bay	07.00

REĠJUN TAL-PUNENT

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Ħad-Dingli	18.30
L-Imdina	08.30
L-Imqabba	07.30
Ħal Kirkop	07.30
Ir-Rabat	07.00
Ħal Safi	07.00
Is-Siġġiewi	07.00
Il-Qrendi	07.30
Ħaż-Żebbug	07.30
Iż-Żurrieq	08.00

REĠJUN TAL-LVANT

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Birkirkara	08.00
Il-Gżira	08.00
Ħal Għargħur	18.30
	(is-Sibt: 11.00;
	Ħġieġ: 10.00)
L-Iklin	09.00
L-Imsida	08.30
Ħal Lija	09.00
Pembroke	07.00
Tal-Pietà	07.30
Tas-Sliema	19.00 – Weekdays
	13.00 – Saturdays
San Ġiljan	07.30
Is-Swieqi	08.00
Ta' Xbiex	09.00

REĠJUN TAL-PORT

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Il-Belt Valletta	07.00
Il-Birgu	08.30
Bormla	08.00
Il-Fgura	07.30
Il-Furjana	09.00
L-Isla	08.00
Il-Kalkara	07.30
Paola	09.00
Ħal Tarxien	07.00
Ix-Xgħajra	09.30
Ħaż-Żabbar	07.00

WESTERN REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Ħad-Dingli	18.30
Mdina	08.30
Mqabba	07.30
Ħal Kirkop	07.30
Rabat	07.00
Ħal Safi	07.00
Siġġiewi	07.00
Qrendi	07.30
Ħaż-Żebbug	07.30
Żurrieq	08.00

EASTERN REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Birkirkara	08.00
Gżira	08.00
Ħal Għargħur	18.30
	(Saturday: 11.00;
	Glass: 10.00)
Iklin	09.00
Msida	08.30
Ħal Lija	09.00
Pembroke	07.00
Tal-Pietà	07.30
Tas-Sliema	19.00 – Weekdays
	13.00 – Saturdays
St Julian's	07.30
Swieqi	08.00
Ta' Xbiex	09.00

PORT REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Il-Belt Valletta	07.00
Vittoriosa	08.30
Cospicua	08.00
Il-Fgura	07.30
Floriana	09.00
Senglea	08.00
Kalkara	07.30
Paola	09.00
Ħal Tarxien	07.00
Ix-Xgħajra	09.30
Ħaż-Żabbar	07.00

REĠJUN TAN-NOFSINHAR

Kunsill Lokali:	**Il-ġbir jibda fi:**
Birżebbuġa	07.00
Il-Gudja	07.30
Ħal Għaxaq	07.30
Il-Ħamrun	09.00
Ħal Luqa	09.00
Il-Marsa	09.00
Marsaskala	07.30
Marsaxlokk	07.30
Santa Luċija	07.30
Santa Venera	07.30
Ħal Qormi	07.00
Iż-Żejtun	07.30

L-20 ta' Frar, 2024

Nru. 242

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Marzu 2024 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

SOUTHERN REGION

Local Council:	**Collection starts at:**
Birżebbuġa	07.00
Gudja	07.30
Ħal Għaxaq	07.30
Ħamrun	09.00
Ħal Luqa	09.00
Marsa	09.00
Marsaskala	07.30
Marsaxlokk	07.30
Santa Luċija	07.30
Santa Venera	07.30
Ħal Qormi	07.00
Żejtun	07.30

20th February, 2024

No. 242

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of March 2024 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
04	**05** **TB** Tender Date	**06**	**07** **TB** Issue of 91 days maturing 6 June 2024 & 182 days maturing 5 September 2024	**08**
11	**12** **TB** Tender Date	**13**	**14** **TB** Issue of 91 days maturing 13 June 2024	**15**
18 **TB** Tender Date	**19** *Public Holiday*	**20**	**21** **TB** Issue of 91 days maturing 20 June 2024 & 182 days maturing 19 September 2024	**22**
25	**26** **TB** Tender Date	**27**	**28** **TB** Issue of 91 days maturing 27 June 2024	**29** *Public Holiday*

Notes: *Note: TB = Treasury Bills*

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 25967210, or by e-mail at the e-mail addresses prescribed on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:
1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. The bidders whose tenders are accepted or rejected under the standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

20th February, 2024

Nru. 243

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 243

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20.2.2024	€59.913	€0.686

Nru. 244

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Don Alvaro De Sande, Triq id-Disgħa ta'April, il-Mosta (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 1831);

Triq il-Lanċa, il-Belt Valletta (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 1832).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-22 ta' Frar, 2024 u l-31ta' Lulju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Don Alvaro De Sande, Triq id-Disgħa ta'April, il-Mosta. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-22 ta' Frar, 2024 u l-31ta' Lulju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Lanċa, il-Belt Valletta. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

L-20 ta' Frar, 2024

No. 244

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Don Alvaro De Sande, Triq id-Disgħa ta'April, Mosta (indicated on site plan on page 1831);

Triq il-Lanċa, Valletta (indicated on site plan on page 1832).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 22nd February, 2024 and 31st July, 2024, it will be starting road works in Triq Don Alvaro De Sande, Triq id-Disgħa ta' April, Mosta. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 22nd February, 2024 and 31st July, 2024, it will be starting road works in Triq il-Lanċa, Valletta. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further information and assistance may be obtained from (info.im@infrastructuremalta.com).

20th February, 2024


WIED IL-GHASEL
KOSTITUZZJONI
TRIQ IL-WIED
TRIQ SAN PAWL EREMITA
Triq Id-Disgha ta April
SITE
Triq It-Tabib Chetcuti
Triq Don Alvaro de Sande
Triq il-Wied
TRIQ NICOLO' ISOUARD
TRIQ IL-KOSTITUZZJONI
TRIQ PAPA ĠWANNI XXIII
TRIQ IT-TABIB CHETCUTI
TRIQ IL-KURAT SCHEMBRI
TRIQ IL-PARROĊĊA
TRIQ SALVU ZAHRA
TRIQ HENRIK MIZZI
TRIQ FABRIZIO BARTOLO
TRIQ L-ISPERANZA
TRIQ SAN ĠUŻEPP
TRIQ SALVU GATT
INFRASTRUCTURE MALTA
CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon
UNIT NAME:
IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT:
N.V.
PROJECT LEADER:
-
DRAWN BY:
-
DRAWING TITLE:
IL-MOSTA
Triq Don Alvaro de Sande - Triq Id-Disgha ta April
- SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)
DATE:
June 2023
FILE NO:
IM034/23
DRAWING NO:
IMD010/23
SHEET SIZE:
A4
SCALE:
1:2500
REVISION:
B
PAGE NO:
4



INFRASTRUCTURE MALTA

J						
I						
H						
G						
F						
E						
D						
C						
B						
A	*					
Revision	Alterations			Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2024\Valletta\2024 Valletta.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: IL-BELT VALLETTA
Triq il-Lanca - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
Feb 2024	-	IMD060/24

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:5000	A	2

Nru. 245

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 281 tat-3 ta' April, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 245

NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 281 dated 3rd April, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Ħamrun', the following amendments in **bold** should be made.

IL-ĦAMRUN

53. TRIQ IL-VITTORJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Duka ta' Edinburgh

Left side entering from Triq id-Duka ta' Edinburgh

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Duka ta' Edinburgh

Right side entering from Triq id-Duka ta' Edinburgh

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
105, M. Assunta	154
104	156
103A, Massabelle	158

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
154, M. Assunta	154
156 (Flettijiet)	**156**
Uffiċċju	**156A**
158, Massabelle	158

Nru. 246

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 589 tat-23 ta' Ġunju, 2015, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 246

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 589 dated 23rd June, 2015, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

2. VJAL IL-25 TA' NOVEMBRU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Misraħ Karlu Diacono

Left side entering from Misraħ Karlu Diacono

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ever Green	9
Garaxx	11
Joce de Villar	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Misraħ Karlu Diacono

Right side entering from Misraħ Karlu Diacono

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9, Ever Green	9
11 (Garaxx)	11

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Ħanut)	**11A**		
Bieb bla numru (Ħanut)	**11B**		
Bieb bla numru	**11C**		
13, Joce de Villar	13		

L-20 ta' Frar, 2024

Nru. 247

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 405 tat-12 ta' Mejju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

20th February, 2024

No. 247

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 405 dated 12th May, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

6. TRIQ L-ARMIER

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Siniskalk

Left side entering from Triq is-Siniskalk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Siniskalk

Right side entering from Triq is-Siniskalk

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sparrow	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Bieb bla numru (Dar)	10
Tiziana	12
Garaxx	14
Garaxx	16
Warda	18
Alpin Rose	20

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4, Sparrow	4
6 (Garaxx)	6
Bieb bla numru	**8**
Bieb bla numru	**10**
Daħla għall-garaxxijiet	**10A**
12	12
14 (Garaxx)	14
Daħla għall-garaxxijiet	**16**
Bieb bla numru	**16A**
Pearl Court	**18**
Bieb bla numru	**18A**
20, Alpin Rose	20

58. TRIQ LICATA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl

Left side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl

Right side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
18 (Garaxx)	24
17	26
16	28
Bieb ta' wara	30

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
24 (Garaxx)	24
26	26
Bieb bla numru (Flettijiet)	**28**
Daħla għall-garaxxijiet	**28A**
30 (Bieb ta' wara)	30

L-20 ta' Frar, 2024

Nru. 248

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻURRIEQ

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 544 tal-25 ta' Ġunju, 2003 u 834 tat-12 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żurrieq', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

20th February, 2024

No. 248

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻURRIEQ

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 544 dated 25th June, 2003 and 834 dated 12th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żurrieq', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻURRIEQ

26. TRIQ IL-KITTENIJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Napuljun

Left side entering from Triq Napuljun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
10, Ave Maria (Flettijiet 1-2)	13
Casa Cutajar	15
Garaxx	17
Garaxx	19
Sacred Heart	21
Garaxx	23
Klinika Veterinarja	25
Garaxx	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Napuljun

Right side entering from Triq Napuljun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
13, Ave Maria (Flettijiet)	13
Tal-Bebbux Residence	**15**
Bieb bla numru	**17**
Daħla għall-garaxxijiet	**17A**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Il-Ġardina	**19**		
Jessie's Mansions	**21**		
Dahabi	**23**		
25 (Klinika Veterinarja)	25		
27 (Garaxx)	27		

L-20 ta' Frar, 2024

Nru. 249

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Żieda u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 725 tat-12 ta' Lulju, 2005, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandha ssir din iż-żieda u dan il-prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

20th February, 2024

No. 249

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Addition and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 725 dated 12th July, 2005, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following addition and prolongation in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

1. TRIQ MONS. EMMANUEL VELLA

Żieda – ***Addition***

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kan. Karmenu Pirotta

Left side entering from Triq il-Kan. Karmenu Pirotta

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kan. Karmenu Pirotta

Right side entering from Triq il-Kan. Karmenu Pirotta

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
3	**1**		
4	**3**		
Bieb bla numru Ta'	**5**		
Jannara Block D	**7**		
Bieb bla numru	**9**		
Basement	**11**		

Prolungament – ***Prolongation***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Mon Cheri	14

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	**16**

L-20 ta' Frar, 2024

20th February, 2024

Nru. 250

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 250

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

IL-QRENDI

Wesgħa mingħajr isem uffiċjali li tinsab k/m Triq Congreve, indikata fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

WESGĦA
WIDNET IL-BAĦAR




BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

BDIL FL-ISEM

Parti minn Triq it-Torri li tibda k/m Vjal l-Indipendenza u tispiċċa k/m Triq Zaccaria Roncali, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:


TRIQ IS-16 TA' LULJU



BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

Triq ġdida fi Triq Sant'Agata, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ IL-25 TA' NOVEMBRU



BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

BDIL FL-ISEM

Parti minn Triq Fra Ġammari Zammit, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ JOSEPH ZERAFA

INĠINIER

1923 - 2008



ĦAŻ-ŻABBAR

KORREZZJONI

CORRECTION

Triq Alessandro VII għandha tinqara.....TRIQ ALESSANDRU VII

PAPA

1559 - 1667

L-20 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 39

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Kerċem

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarġ, Triq Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa u Pjazza San Girgor;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m. sal-11.30 a.m., minn Triq Ġnien Ċensu Xiberras, Triq Madre Margerita, Triq Salvatore Busuttil u Pjazza San Girgor;

20th February, 2024

POLICE NOTICE

No. 39

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ta' Kerċem

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.30 p.m. till 9.15 p.m., through Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarġ, Triq Orvieto, Triq Ġużeppi Briffa and Pjazza San Girgor;

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.00 a.m. til 11.30 a.m., through Triq Ġnien Ċensu Xiberras, Triq MadreMargerita, Triq Salvatore Busuttil and Pjazza San Girgor;

Nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza San Girgor, Triq Anton Calleja, Triq Santa Luċija u Pjazza Santa Luċija;

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza San Girgor;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq il-Bies, Triq il-Kalandrijiet, Triq Anton Calleja u Pjazza San Girgor.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-7.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn Misraħ Ħal Kirkop quddiem il-kappella tal-Lunzjata.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2024

On Monday, 25th March, 2024, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m.,through Pjazza San Girgor, Triq Anton Calleja, Triq Santa Luċija and Pjazza Santa Luċija;

On Wednesday, 27th March, 2024, from 4.30 p.m. till 9.00 p.m., through Pjazza San Girgor;

On Sunday, 31st March, 2024, from 4.30 p.m till 9.30 p.m., through Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq il-Bies, Triq il-Kalandrijiet, Triq Anton Calleja and Pjazza San Girgor.

Public transport may also be affected.

Ħal Kirkop

On Sunday, 24th March, 2024, from 7.30 a.m. till 10.00 a.m., through Misraħ Ħal Kirkop in front of Lunzjata chapel;

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

20th February, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 40

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-7.45 a.m. sad-9.15 a.m., minn Triq F. S. Caruana, Triq il-Fuħħarin u Triq il-Bwieraq.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-7.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa and Pjazza San Leonardu.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2024

POLICE NOTICE

No. 40

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Sunday, 24th March, 2024, from 7.45 a.m. till 9.15 a.m., through Triq F. S. Caruana, Triq il-Fuħħarin and Triq il-Bwieraq.

Public transport will be affected.

Ħal Kirkop

On Sunday, 24th March, 2024, from 7.30 a.m. till 10.00 a.m., through Triq San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa and Pjazza San Leonardu.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

20th February, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 41

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024, mis-1.00 p.m. sas-7.00 p.m. minn Triq San Nikola;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-11.00 p.m. sal-10.30 p.m., minn Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Misraħ il-Knisja, Triq Karmnu Zarb, Triq Emmanuel Perren, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-20 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 13 tal-2024

Użu ta' Jet Skis u Personal Watercraft (PWC) oħra

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara kollha u lill-pubbliku ġenerali, li l-Konvenzjonijiet dwar ir-Regoli Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar 1972 (COLREGs) għandhom jiġu mħarsa f'kull ħin.

Jet skis u personal watercraft (PWC) oħra kemm jekk qed jintużaw għal użu personali jew għal skopijiet kummerċjali; għandhom f'kull ħin, jikkonformaw bis-sħiħ mat-Taqsimiet kollha ta' Part B – Steering and Sailing Rules.

Persuni li jużaw jet skis u personal watercraft (PWC) oħra huma mfakkra fl-obbligu tagħhom li jikkonformaw ma' Part C – Lights and Shapes, tar-Regoli Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar u, fejn

POLICE NOTICE

No. 41

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħal Għargħur

On Friday, 8th March, 2024, from 1.00 p.m. till 7.00 p.m., through Triq San Nikola;

On Sunday, 24th March, 2024, from 1.00 p.m. till 10.30 p.m., through Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew;

On Sunday, 31st March, 2024, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m., through Misraħ il-Knisja, Triq Karmnu Zarb, Triq Emmanuel Perren, Triq l-Oratorju, Triq San Nikola, Triq San Ġwann and Triq San Bartilmew.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

20th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 13 of 2024

Use of Jet Skis and other Personal Watercraft (PWC)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and the general public, that the Conventions on the International Regulations for the Prevention of Collisions at Sea 1972 (COLREGs) are to be complied with at all times.

Jet skis and other personal watercraft (PWC) whether being used for personal use or for commercial purposes; shall at all times, comply fully with all the Sections of Part B – Steering and Sailing Rules.

Jet skis and other personal watercraft (PWC) users are reminded of their obligation to comply with Part C – Lights and Shapes, of the International Regulations for Preventing Collisions at Sea and where these regulations cannot be

dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu mħarsa, jet skis u personal watercraft (PWC) oħra jistgħu jitħaddmu BISS bejn tlugħ ix-xemx u nżul ix-xemx, fl-interess tas-sigurtà tan-navigazzjoni.

L-20 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 14 tal-2024

31 ta' Marzu Regatta fil-Port il-Kbir – Il-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li r-Regatta tal-31 ta' Marzu se ssir fil-Port il-Kbir. Mażżri u bagi se jitqiegħdu kif ġej:

1. Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, tliet (3) bagi sofor b'dwal li jteptep se jitwaħħlu ma' mażżri u jitpoġġew fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
B	35° 53'.584	014° 30'.965
C	35° 53'.481	014° 30'.834
D	35° 53'.410	014° 30'.756

2. Nhar Is-Sibt, 23 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m., linja virtwali/ħabel tal-wajer b'sufruni se tiġi stabbilita/imqiegħda fil-pożizzjonijiet li ġejjin.

(i) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mill-punt A l-art fuq Barriera Wharf sal-baga B 'il barra mill-Ponta ta' Sant'Anġlu

(ii) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mill-baga B 'il barra mill-Ponta ta' Sant'Anġlu sal-punt C fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla

(iii) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni mill-baga C fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla sal-punt D fil-Punent tal-Ponta tal-Isla faċċata tad-daħla tal-Bastjun tal-Franċiżi

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.693	014° 30'.831

(iv) se tiġi stabbilita linja virtwali mill-punt D lejn il-Punent tal-Ponta tal-Isla faċċata tad-Daħla tal-Bastjun tal-Franċiżi, sal-punt E fuq Parlatorio Wharf

(v) se jitqiegħed ħabel tal-wajer b'sufruni minn bollard 8 f'Ras Ħanċir 2 punt F sa bollard 26 fil-punt Deep Water Quay G, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

complied with, jet skis and other personal watercraft (PWC) may ONLY be operated between sunrise and sunset, in the interest of safety of navigation.

20th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 14 of 2024

31st March Regatta in the Grand Harbour – Valletta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the 31st March Regatta will be held in the Grand Harbour. Sinkers and marker buoys will be laid as follows:

1. On Friday, 22nd March, 2024, three (3) yellow marker buoys with flashing lights will be secured to sinkers that will be laid in the following positions:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
B	35° 53'.584	014° 30'.965
C	35° 53'.481	014° 30'.834
D	35° 53'.410	014° 30'.756

2. On Saturday, 23rd March, 2024 as from 8.00 a.m., virtual line/wire rope with floats will be established/laid in the following positions.

(i) a wire rope with floats will be laid from point (A) ashore on Barriera Wharf to buoy B off Il-Ponta ta' Sant'Anġlu

(ii) a wire rope with floats will be laid from buoy B off Il-Ponta ta' Sant' Anglu to point C north of Il-Ponta tal-Isla

(iii) a wire rope with floats will be laid from buoy C north of Il-Ponta tal-Isla to point D west of Il-Ponta tal-Isla opposite the entrance to Id-Daħla tal-Franċiżi Bastion

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.693	014° 30'.831

(iv) a virtual line will be established from point (D) west of Il-Ponta tal-Isla opposite the entrance to Id-Daħla tal-Franċiżi Bastion to point E on Parlatorio Wharf

(v) a wire rope with floats will be laid from bollard 8 at Ras Ħanżir 2 point F to bollard 26 at Deep Water Quay point G, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

3. Il-ħbula tal-wajer, sufruni u bagi msemmija fi 2 hawn fuq jitneħħew mat-tlestija tar-Regatta bejn wieħed u ieħor fis-6.00 p.m. ta' nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu, 2024.

4. Is-sinkers u l-bagi imsemmija f'1 hawn fuq jitneħħew ukoll mat-tlestija tar-Regatta bejn wieħed u ieħor fis-6.00 p.m. ta' nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu, 2024.

5. Il-'port hand lateral mark' imqiegħda fil-kordinati li ġejjin taħt il-Ponta tal-Isla se titneħħa għall-avveniment.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
	35° 53'.468	014° 30'.808

Il-kaptana tal-bastimenti kollha huma notifikati li nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu, 2024, bejn it-8.00 a.m. u bejn wieħed u ieħor is-6.00 p.m., il-bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jipproċedu lejn l-ebda irmiġġ fil-Lbiċ tal-linja immaġinarja li tgħaqqad il-punt A fuq Barriera Wharf u Fortizza Sant'Anġlu Flagstaff. Bastimenti fiż-żona tal-baħar 'Il-Marsa' mhux se jitħallew jipproċedu lil hinn mil-linja F sa G indikata f'2(v) hawn fuq wara t-8.00 a.m. L-ebda bastiment mhu se jkun permess ħdejn il-linja tat-tmiem ħlief dawk involuti fit-tlielaq. L-ebda moviment ta' bastimenti ma jkun permess ġewwa l-Port il-Kbir, ħlief b'permess speċjali. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu distanza minima ta' 5m 'il bogħod mil-linji u l-sufruni msemmija fi 2(ii), 2(iii), 2(iv) u 2(v).

Bastimenti deħlin ma jitħallewx jipproċedu lejn l-ebda irmiġġ fil-Lbiċ tal-linja immaġinarja li hija 150m fil-Grigal tal-linja A sa B imsemmija f'2(i) hawn fuq. L-ebda bastiment mhu se jitħalla joqgħod f'din iż-żona ta' 150m.

Iż-żona delimitata bil-linji immaġinarji bejn il-punti A sa B, B sa C, C sa D, D sa E (kantuniera ta' Parlatorio Wharf), F sa G u l-kosta intermedja għandha tinżamm libera nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m., mill-bastimenti kollha ħlief dawk awtorizzati mill-organizzaturi tal-attivitajiet.

Il-kaptana tal-bastimenti kollha huma mwissija wkoll li l-ħbula tal-wajer u s-sufruni jistgħu jikkawżaw xkiel fiżiku u konsegwentement għandhom jinnavigaw b'kawtela kbira. Għandha tingħata attenzjoni wkoll meta jkunu fil-viċinanza ta' ħbula tal-wajer u sufruni bħal dawn meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew jitneħħew.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177

L-20 ta' Frar, 2024

3. The wire ropes, floats and buoys mentioned in 2 above will be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m. on Saturday, 23rd March, 2024.

4. The sinkers and marker buoys mentioned in 1 above will also be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m. on Saturday, 23rd March, 2024.

5. The port hand lateral mark placed at the following coordinates below il-Ponta ta' L-Isla will be removed for the event.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
	35° 53'.468	014° 30'.808

Masters of all vessels are notified that on Saturday, 23rd March, 2024, from 8.00 a.m. till about 6.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth southwest of the imaginary line joining point A on Barriera Wharf and Fortizza Sant'Anġlu Flagstaff. Vessels in 'Il-Marsa' sea area will not be allowed to proceed beyond the line F to G indicated in 2(v) above after 8.00 a.m. No vessel will be allowed near the finishing line except those involved in the races. No movements of vessels will be allowed inside the Grand Harbour, except by special permission. All vessels are to keep a minimum distance of 5m away from the lines and floats mentioned in 2(ii), 2(iii), 2(iv) and 2(v).

Incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth southwest of the imaginary line which is 150m northeast of the line A to B mention in 2(i) above. No vessel will be allowed to stay within this 150m area.

The area bounded by the imaginary lines between the points A to B, B to C, C to D, D to E (corner of Parlatorio Wharf), F to G and the intermediate coastline is to be kept clear on Saturday, 23rd March, 2024, from 8.00 a.m. till 6.00 p.m., from all vessels except those authorised by the activity organisers.

Masters of all vessels are also warned that the wire ropes and floats may cause a physical obstruction and consequently they are to navigate with extreme caution. Caution is also to be exercised when in the vicinity of such wire ropes and floats when these are being laid or removed.

Mariners are to comply with any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and enforcement personnel in the area.

Chart affected: BA 177

20th February, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 15 tal-2024

Iffilmjar ħdejn il-Blue Hole fid-Dwejra, Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara kollha, sidien ta' bastimenti u għaddasa, li se jsir iffilmjar ħdejn il-Blue Hole fid-Dwejra, Għawdex.

L-iffilmjar se jsir nhar l-Erbgħa, 6, u l-Ħamis, 7 ta' Marzu, 2024, mid-9.00 a.m. sat-3.00 p.m., fiż-żewġ ġranet.

Il-baħħara, sidien ta' bastimenti u għaddasa kollha huma avżati li d-dħul fiż-żona ffurmata billi jingħaqdu l-punti A, B, C, D, u x-xatt ta' bejniethom (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) huwa pprojbit fid-dati u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa u jagħtu spazju wiesa' meta jkunu fil-viċinanzi, u għandhom iżommu 'l barra miż-żona msemmija hawn fuq.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jobdu l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 2537

L-20 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 15 of 2024

Filming near the Blue Hole at Dwejra, Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners, owners of vessels and divers, that filming activities will take place near the Blue Hole at Dwejra, Gozo.

The filming will be held on Wednesday, 6th, and Thursday, 7th March, 2024, from 9.00 a.m. till 3.00 p.m., on both days.

All mariners, owners of vessels and divers are advised that entry into the area formed by joining the points A, B, C, D, and the intermediate coastline (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) is prohibited on the abovementioned dates and time.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity they are to keep out of the abovementioned area.

Mariners and vessel operators are to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 2537

20th February, 2024

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal Amministrattiv 4

Permess tal-Jobsplus 109/2023|
Jobsplus Vacancy (391494)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal Amministrattiv 4 bi speċjalizzazzjoni fl-intervistar għall-istħarriġ mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv se jkun primarjament stazzjonat fis-sezzjoni tal-Uffiċċju fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, dejjem skont l-esiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għal kandidati li għandhom kapaċità u ħila fit-teknika tal-intervistar, speċifikament sabiex jiġbru informazzjoni

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Administration Officer 4

Jobsplus Permit 109/2023|
Jobsplus Vacancy (391494)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Administration Officer 4 with specialisation in survey interviewing within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be deployed and stationed primarily at the Malta International Airport, subject to the exigencies of the institution.

1.1 The post is a great career opportunity for prospective candidates who have an aptitude for and skill in interviewing techniques, specifically for collecting data through face-to-

permezz ta' intervisti wiċċ imb wiċċ, għall-istħarriġ Tourstat, is-sors ewlieni ta' informazzjoni turistika fil-pajjiż.

1.2 Minbarra livell eċċellenti fil-ħila tal-komunikazzjoni u interpersonalità, il-kandidat magħżul għandu jkun loġiku, metodiku, u prudenti mal-intervistati.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA, il-grad ta' Uffiċjal Amministrattiv 4 jaqa' fl-iskala tas-salarju ħamsa (5) li jibda minn €24,038, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri kemm ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Uffiċjali Amministrattivi 4 se jkunu primarjament stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (fis-sala tat-tluq) u jaħdmu fuq bażi ta' xift ta' tnax-il siegħa (12) (jum-lejl-mistrieħ-mhux xogħol).

3.2 Skont id-diskrezzjoni tal-Maniġment, Uffiċjali Amministrattivi 4 jistgħu jintalbu jaħdmu matul il-ħinijiet tal-uffiċċju fuq bażi ta' ħamest ijiem f'ġimgħa.

3.3 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.4 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.0 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Amministrattiv 4 jinkludu:

a. Kordinazzjoni, superviżjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti u proċessi ta' ġbir ta' informazzjoni;

b. Azzjoni bħala intervistatur anzjan tal-istħarriġ, għal stħarriġ dwar it-turiżmu u proġetti oħra, f'konformità ma' metodoloġiji stabbiliti, permezz ta' intervistar personali jew bit-telefown;

c. Għajnuna fi stħarriġ u proġetti oħra kif meqjus meħtieġ mill-Kap tal-Unità, inkluż id-dħul elettroniku tal-informazzjoni, il-kodifikazzjoni, u l-aġġornament tar-reġistri;

face interviews for the Tourstat survey, the main source of information on tourism data in the country.

1.2 Besides having an excellent level of interpersonal and communication skills, the successful candidate must be logical, methodical, and extremely discreet in dealing with respondents.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees, the post of Administration Officer 4 falls within Salary Scale five (5) with a salary commencing at €24,038, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family-friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 Administration Officers 4 shall primarily be stationed at the Malta International Airport (departures lounge) and work on a twelve (12)-hourly shift basis (day-night-rest-off).

3.2 At the discretion of the Management, Administration Officers 4 may be requested to work during office hours on a five-day week.

3.3 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.4 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.0 The duties of an Administration Officer 4 include:

a. Coordinating, supervising and monitoring data collection projects and processes;

b. Acting as a senior survey interviewer for tourism surveys and other projects, in line with set methodologies, by personal or telephone interviewing;

c. Administrative support in surveys and other projects as deemed necessary by the Head of Unit, including data entry, coding, and updating of registers;

d. Għajnuna lill-Maniġment superjuri f'kompiti amministrattivi bħall-iskedar;

e. Rappurtar lid-Data Management Unit dwar proċeduri ta' ġbir tal-informazzjoni li jsiru f'postijiet bħall-Ajruport (Stħarriġ Tourstat).

Rekwiżiti

5.0 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għal dan ir-rwol għandhom ikunu fil-pussess ta':

a. Ċertifikat rikonoxxut fil-Livell 4 tal-MQF f'qasam ta' suġġett rilevanti;

JEW

b. Ikunu kwalifikati f'żewġ (2) suġġetti ta' Livell Avvanzat f'qasam ta' suġġett rilevanti, flimkien ma' għaxar (10) snin jew ekwivalenti, ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti.

5.1 L-applikanti prospettivi jeħtieġ ikollhom:

a. Livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali;

b. Għarfien tajjeb tal-applikazzjonijiet tal-Microsoft Office (preferibbilment ikunu kwalifikati b' Liċenzja Ewropea tal-kwalifika ECDL);

c. Ħiliet numeriċi u tal-Informatika tajbin;

d. Ħiliet sodi ta' komunikazzjoni bil-miktub u verbali bil-lingwa Ingliża u kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra Ewropea, preferibbilment il-Malti;

e. Ħila li jaħdmu f'tim u proġetti individwali;

f. Ħila ta' pjanar u tmexxija ta' proġetti varji fi skadenzi stipulati.

5.2 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

5.3 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont artiklu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

5.4 Barra minn hekk, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta; jew

d. Assisting the senior management in administrative tasks such as scheduling;

e. Reporting to the Data Management Unit on data collection procedures executed at points of data collection such as the Airport (Tourstat Survey).

Eligibility Requirements

5.0 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be in possession of:

a. A recognised certificate at MQF Level 4 in a relevant subject area

OR

b. Two (2) Advanced Level subject qualifications relevant to the post, together with ten (10) years, or equivalent, of relevant experience.

5.1 Prospective applicants are also required to have:

a. Excellent level of interpersonal skills;

b. Good knowledge of Microsoft Office applications (preferably qualified with a European Computer Driving License - ECDL);

c. Good numerical and IT skills;

d. Sound written and verbal communication skills in English language and any other official European language, preferably Maltese;

e. The ability to work in a team and individual projects;

f. The ability to plan and manage multiple projects within stipulated deadlines.

5.2 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

5.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

5.4 Moreover, by the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u lIrlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab parir mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu ittra ta'applikazzjoni, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati u traskrizzjoni tar-riżultati, kopja tal-kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt (6) xhur) u l-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff sa nofsinhar (12. 00 p.m.) Ħin Ċentrali Ewropew, tat-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send a letter of application, curriculum vitae (cv), copies of qualification certificates and transcript of results, a copy of their clean police conduct (issued in the last six (6) months) and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (12. 00 p.m.) Central European Time, of Tuesday, 12th March, 2024.

6.1 Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal Amministrattiv 4 (Intervistar għall-istħarriġ)'.

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/MSA_NSO-Consent-Form.pdf) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'artiklu 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew referenzi għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li l-applikazzjoni tiegħu tkun waslet fil-ħin sabiex tkun iproċessata mill-bord tal-għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati mill-bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid iġib mill-inqas marka ta' 50%.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li l-Awtorità hi impenjata li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

L-20 ta' Frar, 2024

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Tim tad-Disinjar għall-parteċipazzjoni ta' Malta fil-London Design Biennale 2025

Data ta' skadenza għas-sottomissjoni: Nhar it-Tlieta, 23 April, 2024, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew).

Bħalissa l-Kunsill Malti għall-Arti qiegħed jaċċetta applikazzjonijiet minn timijiet tad-disinjar biex jirrappreżentaw lil Malta fil-London Design Biennale li jmiss, li se jseħħ bejn il-5-29 ta' Ġunju, 2025.

Taħt l-awspiċi tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, il-Kunsill Malti għall-Arti ġie fdat li jaġixxi bħala l-Kummissjonant u l-Awtorità Kontraenti għall-parteċipazzjoni ta' Malta fil-London Design Biennale 2025.

6.1 Applications are to be sent electronically to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Administration Officer 4 (Survey Interviewing)'.

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/MSA_NSO-Consent-Form.pdf) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the selection board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

20th February, 2024

ARTS COUNCIL MALTA

Call for a Design Team for Malta's participation at the London Design Biennale 2025

Submission deadline: On Tuesday, 23rd April, 2024, at noon (Central European Time).

Arts Council Malta is currently accepting applications from Design Teams to represent Malta at the next London Design Biennale, which will take place from 5th till 29th June, 2025.

Under the auspices of the Ministry for National Heritage, the Arts and Local Government, Arts Council Malta has been entrusted to act as the Commissioner and the Contracting Authority of Malta' participation at the London Design Biennale 2025.

Il-London Design Biennale huwa esibizzjoni internazzjonali u programm ta' tmexxija tal-ħsieb li jinkludi innovazzjoni tad-disinjar u kreattività minn ta' quddiem fid-dinja minn pajjiżi minn madwar id-dinja kollha. L-avveniment jiżvela l-potenzjal tad-disinjar biex jirrispondi għall-bżonnijiet dejjem jinbidlu soċjali u ambjentali, il-kontribuzzjoni tiegħu għall-ekonomija dinjija, u l-poter tiegħu biex imexxi l-bidla u jsib soluzzjonijiet għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Il-London Design Biennal jinżamm f'Somerset House, waħda mill-isbaħ u l-aktar binjiet fini tar-Renju Unit tas-seklu tmintax u hija ta' importanza internazzjonali storika u arkitettonika. Il-galleriji rrestawrati bl-isbaħ mod ta' Somerset House jipprovdu l-parteċipanti l-opportunità biex jesibixxu x-xogħlijiet tagħhom f'waħda mill-aktar binjiet prestiġġjużi f'Londra.

L-installazzjoni ta' Malta trid tieħu inkunsiderazzjoni l-ispazju ta' ġewwa li se tkun esibita fih. Din se tkun installazzjoni artistika speċifika għas-sit, li se tkun immersiva, interattiva, u sostenibbli, għaliex dawn huma l-kriterji prinċipali li l-London Design Biennale se jkun qed ifittex f'kull proġett. Artisti/disinjaturi huma milqugħa li jesperimentaw b'formati ta' wirjiet u esibizzjonijiet mhux konvenzjonali.

Is-sejħa hija miftuħa għal Timijiet tad-Disinjar b'esperjenza kredibbli b'saħħitha lokali u internazzjonali. Filwaqt li Timijiet tad-Disinjar multinazzjonali huma inkoraġġuti, l-applikant prinċipali jrid ikun ċittadin Malti, jew f'pussess ta' permess residenzjali Malti, jew ta' ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew ta' passaport Malti. It-Tim tad-Disinjar jista' jinkludi artisti, periti, disinjaturi, riċerkaturi, kuraturi, assistenti kuratorjali, u kwalunkwe rwoli oħra skont il-bżonnijiet tal-proġett.

Aktar informazzjoni dwar is-sejħa u għall-applikazzjoni, tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Kunsill Malti għall-Arti (https://artscouncilmalta.gov.mt/pages/the-council/strategy/internationalisation/call-for-a-design-team-for-maltas-participation-at-the-london-design-biennale-2025).

L-20 ta' Frar, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Tuturi tal-Programmi tal-Qari u r-Rakkontar tal-Istejjer fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (part-time)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 803/2023 (it-tielet sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tal-Programmi tal-Qari u r-Rakkontar tal-Istejjer (part-time).

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

The London Design Biennale is an international exhibition and thought leadership programme featuring world leading design innovation and creativity from countries across the globe. The event reveals the potential of design to respond radically to changing social and environmental needs, its contribution to the world economy and its power to drive change and find solutions for the benefit of all.

The London Design Biennale is held at Somerset House, one of the UK's finest and most beautiful 18th century buildings and is of international historical and architectural importance. The beautifully restored galleries at Somerset House provide participants with the opportunity to display their work in one of London's leading venues.

Malta's Installation needs to take into consideration the indoor space in which it will be set up in. It will be a site specific, artistic installation which is immersive, interactive, and sustainable, as these are key criteria the London Design Biennale would be looking for in all projects. Artists/designers are welcome to experiment with unconventional display and exhibition formats.

The call is open to Design Teams with a strong local and international track record. While multi-national Design Teams are encouraged, the lead applicant must be a Maltese citizen; or be in possession of a Malta residence permit; or of a Maltese citizenship certificate; or of a Maltese passport. The Design Team can include artists, architects, designers, researchers, curators, curatorial assistants, and any other related roles as required by the project.

More information about the call and application may be obtained from the Arts Council Malta's website (https://artscouncilmalta.gov.mt/pages/the-council/strategy/internationalisation/call-for-a-design-team-for-maltas-participation-at-the-london-design-biennale-2025).

20th February, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Reading and Storytelling Programmes Tutors (part-time) within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 803/2023 (third call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading and Storytelling Programmes Tutors (part-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta tal-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fl-Edukazzjoni. Preferibbilment din tkun kwalifika ta' għalliem f'wieħed minn dawn l-oqsma: Edukazzjoni Primarja, Snin Bikrin, Malti, Ingliż; U

2. Tlestija b'suċċess ta' kors rikonoxxut fil-metodoloġija tal-qari u/jew tar-rakkontar tal-istejjer (pereżempju, taħriġ għal Aqra Miegħi/Read with Me u/jew Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories, u/jew Storytelling Schools, u/jew fil-qari gwidat) jew ekwivalenti jew komparabbli;* U

3. Tal-anqas tliet snin esperjenza fit-tagħlim, li preferibbilment esperjenza ta' qari animat u rakkontar tal-istejjer; U

4. Livell Ordinarju fil-Malti u fl-Ingliż (Livell 3 tal-MQF), SEC (Grad 1-5) jew GCE (Grad A-C), jew ekwivalenti (applikabbli biss meta dawn il-lingwi ma jkunux ippreżentati f'livell ogħla).

*Applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-eliġibbiltà ħlief kriterju numru (2), ikunu kkunsidrati biss jekk jikkommettu ruħhom li jirċievu t-taħriġ meħtieġ.

Preferibbilment l-applikanti jkunu disponibbli b'mod flessibbli kemm waqt il-ħin tal-iskola kif ukoll ħinijiet oħra.

Mal-applikazzjoni għandhom jinhemżu kopji ta' ċertifikati u/jew dokumenti rilevanti fosthom il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba f'din is-sejħa.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti se jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://educationservices.gov.mt/nla) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew permezz tan-numru tat-telefown 2598 3325.

L-20 ta' Frar, 2024

1. A recognised qualification at MQF Level 6 or higher in Education. Preferably this qualification is a teaching degree in any of these areas: Primary Education, Early Childhood Education and Care, Maltese, English; AND

2. Successful completion of a recognised course in reading and/or storytelling (e.g., Aqra Miegħi/Read with Me training or/and Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories training, or Storytelling Schools training, or training in Guided Reading) or equivalent or comparable;* AND

3. A minimum of 3 years teaching experience preferably as a reading animator and/or storyteller; AND

4. O-levels in Maltese and English at MQF Level 3, SEC (Grades 1-5) or GCE (Grades A-C), or equivalent (applicable only when not presented already at a higher level).

*Applicants who satisfy all eligibility criteria except for (2) above, will be considered subject to their commitment to receive the required training.

Ideally applicants would be flexibly available both during and outside school hours.

Qualifications and claimed experience must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by post to: Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Tuesday, 5th March, 2024, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

A detailed job description, including conditions of employment may be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

20th February, 2024

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Sejħa għal Youth Support Officer mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ

Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ), organizzazzjoni nongovernattiva, tistieden l-applikazzjonijiet għall-proviżjoni tas-servizzi ta' Youth Support Officer fix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill.

Ħiliet Meħtieġa

Ir-rwol tal-Uffiċjal huwa li:

1 Jappoġġja l-missjoni tal-Kunsill sabiex jipprovdi forum nazzjonali għaż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ f'Malta u f'Għawdex, u x-xogħol tiegħu fl-iżvilupp u l-promozzjoni tal-inizjattivi taż-żgħażagħ u t-tiswir tal-politika żagħżugħa;

2. Jagħmel kuntatt u jikkopera mal-ministeri, entitajiet, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-partijiet ta' interess oħra rilevanti;

3. Jipprovdi l-immaniġġjar u l-appoġġ amministrattiv fl-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' proġetti, inizjattivi u avvenimenti tal-Kunsill;

4. Jattendi u jieħu l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Kunsill;

5. Jagħmel kuntatt u jikkopera mal-Uffiċjal Finanzjarju, speċjalment fejn tidħol il-konformità tal-Kunsill mal-obbligi tiegħu assoċjati mar-rappurtar finanzjarju annwali;

6. Jikkordina flimkien mal-Uffiċjal Finanzjarju fuq opportuniatjiet ta' fondi li jista' jibbenifika minnhom il-Kunsill u jassistih fil-proċeduri kollha marbuta ma' tali opportunitajiet;

7. Jassigura l-preżenza ta' proċessi u proċeduri amministrattivi xierqa fejn jidħlu r-reġistru, il-korrispondenza, l-apparat, il-materjali u l-finanzi tal-Kunsill;

8. Jagħmel kuntatt u jikkopera ma' Aġenzija Żgħażagħ, u jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ – Lejn 2030, f'Malta u Għawdex;

9. Iwettaq dmirijiet oħra relatati max-xogħol tiegħu, hekk kif jiddetermina l-Kunsill minn żmien għal żmien.

Il-kandidati jridu jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż għall-benefiċċju tal-utenti tas-servizz. Għandu jkollhom ħiliet bażiċi amministrattivi u ta' komunikazzjoni bil-miktub, kif ukoll għarfien ta' Microsoft Word u Excel. L-esperjenza fis-settur taż-żgħażagħ hija essenzjali.

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Call for a Youth Support Officer with Malta National Youth Council

Malta National Youth Council/Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ), a non-governmetal organisation, is inviting applications for a Youth Support Offier service to be provided in the Council's administrative affairs.

Skills Required

The role of the Youth Support Officer will be to:

1. Support the Council's mission to provide a national forum for youths and youth organisations in Malta and Gozo to effectively develop, promote and advocate youth initiatives and policy making in the youth field;

2. Liaise and cooperate with the relevant Ministries, entities, youth organisations, NGOs, and other stakeholders;

3. Provide management and administrative support in planning, organising, and undertaking projects, initiatives, and events;

4. Attend and minute all Council meetings;

5. Liaise and cooperate with the Financial Officer, especially on matters concerning the Council's conformity with obligations associated to annual financial reporting;

6. Coordinate with the Financial Officer on any funding opportunities which the Council may make use of and assist them in the procedures arising from such opportunities;

7. Ensure that appropriate administrative process and procedures are in place with regard to Council records, correspondence, equipment, materials and finance;

8. Liaise and cooperate with Aġenzija Żgħażagħ and help support the implementation of the National Youth Policy – Towards 2030 in Malta and Gozo;

9. Carry out such appropriate job-related duties as determined by the Council from time to time.

Candidates must be able to communicate in Maltese and English for the benefit of the service users. They must possess basic administrative and written communication skills, as well as knowledge of Microsoft Word and Excel. Experience in the youth sector is a must.

Il-kandidati eliġibbli jiġu intervistati minn bord li jevalwa l-adegwatezza tagħhom għall-kariga. Il-kriterji importanti għall-intervista huma l-għarfien dwar il-Kunsill, l-adegwatezza għall-kariga, inkluż l-għarfien dwar ir-rwol u l-esperjenza fih, l-abbiltajiet u l-ħiliet, inkluż il-ħiliet amministrattivi u ta' komunikazzjoni bil-miktub, il-kapaċità ta' ħidma f'tim u l-flessibbiltà, u kif ukoll kwalitajiet personali bħall-motivazzjoni u l-impenn, adattabbiltà u personalità pożittiva.

Is-Salarju

Il-kandidat li jintgħażel jiġi offrut ftehim ta' kuntratt ta' sena għal massimu ta' 869.5 siegħa, imqassma skont l-impenji tal-Kunsill u d-disponibbiltà tal-kandidat magħżul. Is-salarju marbut ma' din il-pożizzjoni huwa ta' €9.50 fis-siegħa (eskluża l-VAT) għal kemm idum il-kuntratt.

Għal skopijiet ta' ħlas, il-Fornitur tas-Servizz għandu jissottometti fattura dettaljata tax-xogħol u s-sigħat maħduma kull xahar. Kwalunkwe oġġett, software jew tagħmir mixtri għall-qadi ta' dmirijiet mhuwiex rimborsabbli sakemm ma jkunx awtorizzat minn tnejn mill-firmatarji finanzjarji tal-Kunsill qabel ma jsir il-ħlas.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti għandhom jibagħtu ittra elettronika b'ittra ta' motivazzjoni, Europass Curriculum Vitae (CV) u kondotta tal-pulizija riċenti, indirizzata lil:

Tim Amministrattiv tal-KNŻ

(president@knz.org.mt)
(vicepresident@knz.org.mt)
(secretarygeneral@knz.org.mt)

Għandha ssir referenza għat-titlu tas-sejħa fl-ittra elettronika. L-applikazzjonijiet jiġu rrikonoxxuti b'ittra elettronika fi żmien ġurnata tax-xogħol.

Il-KNŻ jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe sottomissjoni jew kull sottomissjoni assoċjata ma' din is-sejħa. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Iż-żmien tal-appikazzjoni jibqa' miftuħ sas-7.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024.

Aktar informazzjoni jew mistoqsijiet jistgħu jinkisbu mingħand is-Sa Cherise Sultana fuq (vicepresident@knz.org.mt).

L-20 ta' Frar, 2024

Eligible candidates will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post. The criteria and weightings set for the interview are knowledge about the Council, suitability for the post, including the understanding of the role and experience, abilities and skills, including administrative and written communication skills, teamwork and work flexibility, personal attributes including motivation and commitment, adaptability and personality.

The Salary

The successful service candidates will be offered a one-year contract agreement for a maximum of 869.5 hours, according to the Council's engagements and the selected candidate's availability. The salary attached to this position is €9.50 per hour (excluding VAT) for the duration of the contract.

For payment purposes, the Service Provider must submit a detailed record of work and an invoice accounting for the hours worked monthly. Any item, software or equipment purchased for the performance of duties is not reimbursable unless authorised by two of the Council's financial signatories prior to effecting payment.

Applications

Applicants are to send an email with a motivation letter, attaching a copy of their Europass Curriculum Vitae (CV) and a recent police conduct, addressed to:

KNŻ Administrative Team

(president@knz.org.mt)
(vicepresident@knz.org.mt)
(secretarygeneral@knz.org.mt)

Reference to the title of the call must be made in the email. Applications will be acknowledged by email within one working day.

KNŻ reserves the right to reject any or all submissions associated with this call. Late applications will be discarded.

Applications will be accepted until 7.00 p.m., Tuesday, 5th March, 2024.

Further information or queries may be obtained from Ms Cherise Sultana on (vicepresident@knz.org.mt).

20th February, 2024

AWTORITÀ TAL-INNOVAZZJONI DIĠITALI TA' MALTA

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (A.L. 352/2016).

L-20 ta' Frar, 2024

MALTA DIGITAL INNOVATION AUTHORITY

List of direct orders awarded by the Malta Digital Innovation Authority during the period between 1st July, 2023, and the 31st December, 2023, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

20th February, 2024

Numru tar-riferenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Deskrizzjoni *Description*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT € *Contract Value Excl. VAT €*
SC58/2023	ITAs Regulations Services	01/07/2023	Ganado Advocates	9,000
SC60/2023	Project Management Services	01/07/2023	JZ Projects	10,000
202319	Organisation, coordination and logistics of Educational Events	01/07/2023	GMR Concepts Limited	9,900
23003	Legal Consultancies	06/07/2023	Dr Mauro Magro	5,620
SC56/2023	Website Maintenance and Training	01/08/2023	Incredible Web	8,400
1216	Media, Editing and Design Services	03/07/2023	Antilia	9,800
I-RN84204	Directors Indemnity Insurance Cover	02/08/2023	AIB Insurance Brokers	9,684.75
I-RN84203	Management Indemnity Insurance Cover	02/08/2023	AIB Insurance Brokers	7,465.25
PO 85	Organisation of AI and Cybersecurity Event	03/08/2023	Allied Newspapers	5,000
63/2023	Technical Services i.r.o National AI Strategy	22/08/2023	Prof. Christian Colombo	9,800
KM/MA/PB-MDIA-202308-B	Swot Analysis and Benchmarking Study	28/08/23	EY Enst & Young Ltd	8,000
PO 99	Website Development and Support for EDIH	11/09/2023	Rocksteady	9,650
PO 60	Creation and Publishing of Maltaverions Issue 1 in Maltese and English	15/09/2023	Arthouse	10,000
10329	Content Marketing Services	15/09/23	Global FDI	8,000
23141	Promotional content	19/09/2023	BIZ News	5,000
PO106	Development and design of storyboard and script for the Informative Campaign on AI	06/10/2023	SJF Limited	9,650
PO 107	Multi-media creation service	06/10/2023	Invista	9,975.90
13008454	Electric Motor Vehicle – Hyundai Kona	23/10/2023	Motors Inc.	35,330.77

Numru tar-riferenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Deskrizzjoni *Description*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT € *Contract Value Excl. VAT €*
202353	Stand Design and Build for Playcon	02/11/2023	GMR Concepts Limited	6,000
031463	Stand Design and Build for Med-Tech World Summit	19/10/2023	Davies Group	9,600
0579	Promotional Participation on Country Profiler	15/12/2023	Country Profiler	10,000

L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR IL-LOGĦOB

Lista ta' direct contracts u modifikazzjonijiet mogħtija mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2023 sal-31 ta' Diċembru, 2023, skont l-Artiklu 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03).

L-20 ta' Frar, 2024

MALTA GAMING AUTHORITY

List of direct contracts and modifications awarded by the Malta Gaming Authority during the period between 1st July, 2023 and 31st December, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03).

20th February, 2024

Direct Contracts

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	100/2023/34	Hosting of Annual Networking event at ICE London 2024	14/8/2023	Searcys at The Gherkin	31,414
2	100/2023/34	Provision of statistical analysis related to employment in the gaming industry	14/9/2023	Dr Vincent Marmara	10,000
3	100/2023/34	Provision of a MGA Stand at SiGMA 2023, including design, project management, construction and dismantling	10/10/2023	Casapinta Design Ltd	97,673.95
4	100/2023/24	Provision of Accommodation for a delegation of 17 pax from the Malta Gaming Authority, for the attendance at the ICE Conference being held at the ExCel in London between the 6-8 February 2024	1/11/2023	Novotel Hotel London	27,169.95
5	100/2023/34	Construction of the MGA Stand at ICE 2024	7/11/2023	Genesis 3D Design	137,596.9
6	100/2023/34	Renewal of a 12 month Systems and Maintenance Agreement	28/11/2023	Infinite Fusion Technologies	122,095
7	100/2023/34	Provision of Internal Audit Services	5/12/2023	Pricewaterhouse Coopers (PwC)	103,500

Nru. *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
8	23/0168	D&B International Information Reports	13/11/2023	Creditinfo Malta	27,500.00
9	23/9506	MGA Teambuilding Event	1/7/2023	Event Planner Co. Ltd	9,770
10	MGA9220	Car Leasing	1/7/2023	Vision Car Leasing	8,543.69
11	MGA9330	Annual Maintenance on DBS and plumbing and materials	1/7/2023	Panta Contracting	6,030.74
12	23/9482	Blockchain Training – Regulatory	7/7/2023	WH Partners	6,000
13	23/9523	Recruitment	12/7/2023	CSB	7,570
14	23/9457	XDR Sophos	17/7/2023	Computime	8,982.80
15	23/9508	Website Design	1/8/2023	Redorange Image Consultants Limited	9,500
16	23/9509	Brand Strategy	1/8/2023	Redorange Image Consultants Limited	6,100
17	23/0236	Software Services Bundle – Development	22/8/2023	Smart Technologies	7,000
18	23/0008	ICE 2024 Stand Design	28/8/2023	Redorange Image Consultants Limited	7,900
19	23/0040	Recruitment	1/9/2023	Konnekt Search & Selection Ltd	9,000
20	23/0051	Recruitment	11/9/2023	Konnekt Search & Selection Ltd	6,709.86
21	23/0078	Recruitment	26/9/2023	Accelerate Limited	5,126.76
22	23/0018	MGA Event	30/9/2023	Xara Collection	5,491.53
23	23/9171	Procurement System Subscription (Oct 23-Aug 24)	30/9/2023	Smart Technologies	6,400
24	23/0233	Self Exclusion Service Agreement	30/9/2023	Smart Technologies	6,500
25	23/0103	Cabinet Files Exporter related to the Migration to Sharepoint	6/10/2023	Aqubix	6,600
26	23/0142	Recruitment	24/10/2023	Accelerate Limited	6,046.20
27	23/0146	Training	1/11/2023	Mosaic Advisors Ltd	7,350
28	23/0203	MGA Event	15/12/2023	Madliena Lodge	7,700
29	23/0237	'Talent Vision' HR Project	19/12/2023	Pricewaterhouse Coopers	8,000

Modifikazzjonijiet/*Modifications*

Nru. ta' Referenza tal-Kuntratt	Isem tal-Kuntratt/ Suġġett tal-Kuntratt	Data Approvata	Isem il-Kuntrattur	% Varjazzjoni mill-Valur Oriġinali tal-Kuntratt	Valur Oriġinali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT	Varjazzjoni f'€ Eskluża l-VAT	Valur Finali tal-Kuntratt Eskluża l-VAT
Contract Reference Number	*Contract Title/ Subject of Contract*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*% Variation from Original Contract Value*	*Original Contract Value Excl. VAT*	*Variation in € Excl. VAT*	*Final Contract Value Excl. VAT*
MGA/03/2020	Tender for the provision of external auditors for the Malta Gaming Authority	21/5/2023	Ernst & Young Malta Ltd	33.33% Extension of the Contract	67,500	22,500	90,000
MGA/04/2020	Tender for the supply and installation of a next generation threat platform	23/6/2023	Dtex Systems Inc	28.65% Extension of the Contract	59,000	16,920	75,920
MGA/05/2020	Tender for the provision of payroll services for the Malta Gaming Authority	16/10/2023	RSM Malta	33.33% Extension of the Contract	36,804	12,268	49,072
MGA/01/2021	Tender for the supply of Summer and Winter uniforms using environmentally friendly materials to the Malta Gaming Authority	17/11/2023	Roosendaal Trading Ltd	66.67% Extension of the Contract	23,802.06	15,868.04	39,670.1

SPORTMALTA

Lista ta' kuntratti tal-offerti*, kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija minn SportMalta matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023, ippubblikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi L.S. 601.03.

L-20 ta' Frar, 2024

SPORTMALTA

List of tender contracts*, quotations and direct contracts awarded by SportMalta during the period between 1st July, 2023 and 31st December, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

20th February, 2024

Offerti/*Tenders**

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tal-Offerta *Tender Reference No.*	Isem tal-Offerta *Tender Name*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excluding VAT*
1	SM/39/2022/TEN	Provision and installation of air conditioning systems for the media hall at national pool complex at Tal-Qroqq for SportMalta	20-Oct-23	Central Power Installations Ltd	€23,105.8
2	SM/03/2023/TEN	Tender for the provision of refurbishment and maintenance services for the shotnet catchment system at the Malta shooting range, Ta' Kandja	19-Aug-23	O. Luntz GmbH	€921,202.66
3	SM/15/2023/TEN	Tender for the supply of clay targets for SportMalta	25-Jul-23	Aldo Falzon	€324,000.00

*Awtoritajiet kuntrattwali għandhom iniżżlu kwalinkwe offerti (inkluż 'design contests and innovation partnerships') mogħtija minnhom mingħajr l-involviment tad-Direttorat tas-Sectoral Procurement.
**Contracting authorities are to list any tenders (including design contests and innovation partnerships) awarded by them without the involvement of the Sectoral Procurement Directorate*

Kwotazzjonijiet/*Quotations*

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tal-Kwotazzjoni *Quotation Reference Number*	Isem tal-Kwotazzjoni *Quotation Title/ Subject of Quotation*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Ammont tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	SM/30/2023/QUO	Services of a Mechanical Engineer	11-Aug-23	Vassallo Engineering Consultancy	€7,975.00
2	SM/32/2023/QUO	Supply of Hydrochloric acid for Cottonera Indoor Pool	14-Sep-23	Unigroup International Ltd	€9,765.00
3	SM/33/2023/QUO	Supply of Liquid Chlorine – Reissue	21.8.2023	Unigroup International Ltd	€9,993.70
4	SM/36/2023/QUO	Supply of an automatic cleaning pool robot	15-Sep-23	Joe Caruana Curran	€7,500.00
5	SM/38/2023/QUO	CFQ – Pool water Analysis	15-Sep-23	Tanti & Mallia	€6,000.00
6	SM/44/2023/QUO	Supply of a Mobile Office Ta ' Kandja	15-Nov-23	Venscic Ltd	€9,600.00
7	SM/46/2023/QUO	Rolling reels for pool lanes – Reissue	4-Dec-23	Eurosport	€9,750.00
8	SM/55/2023/QUO	Call for quotation – Shooting Layouts Area Cleaning Kandja (Re-Issue)	18-Dec-23	Paul Bezzina	€9,744.00

Direct Contracts

Nru.	Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract	Data tal-Għotja	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Contract Reference Number*	*Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	15883	Service of two lifeguards at the Cottonera Indoor Pool Mondays - Saturdays @12.50 per hour per lifeguard. Sundays @15.00 per hour per lifeguard	16.10.2023	Red Cross	€9,500.00
2	15754	Subscription funds – Indigo Payroll. Current fee per employee until October 31st '23 @€1.10. Fee per employee from November 1st '23 €1.16	7.9.2023	Shireburn Software Ltd	€10,000.00
3	15775	Time and attendance funds – Subscription €1.60 per employee per month	14.9.2023	Shireburn Software Ltd	€10,000.00
4	15872	One-lump sum to cover 25 (excl. VAT) per month and a transaction processing fee amounting to 1% of the approved transactions to cover the payment gateway service agreement signed on 24/9/2009	13.10.2023	Transactium Ltd	€10,000.00
5	16046	Lifeguard services at Cottonera Indoor Pool. Expiry by value	4.12.2023	Red Cross Malta	€10,000.00
6	16100	Lifeguard services at Cottonera Indoor Pool. Expiry by value	27.12.2023	Red Cross Malta	€10,000.00
7	100/04/4/1	Procurement of floating line anchors and ball release device required for the setting up of 25m lanes and centralised water polo pitches at the new Indoor Cottonera Swimming Pool	24.11.2023	Myrtha Pools	€63,630.00

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill tan-Nadur jgħarraf li se ssir laqgħa pubblika annwali nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2024, fil-4.45 p.m., fis-sala tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali n-Nadur huma mħeġġa li jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Il-parteċipanti jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

L-20 ta' Frar, 2024

NADUR LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Nadur Local Council notifies that it will be holding its annual locality meeting on Wednesday, 21st February, 2024, at 4.45 p.m., at the Nadur Local Council hall.

All residents whose name appear in the last Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion. All those participating can put forward their suggestions for the Council's consideration.

20th February, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Festa ta' Ħadd il-Palm, 24 ta' Marzu, 2024
Armar ta' Gabbani

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet għall-armar ta' gabbani fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar.

Mal-applikazzjoni l-applikant għandu jipprovdi:

Karta tal-identità;
Ritratt tal-gabbana;
Ċertifikat mid-Dipartiment tal-VAT;
Liċenzja tal-Kummerċ;
Ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Jekk xi dokument minn dawn ma jiġix ippreżentat, l-applikazzjoni ma tintlaqax.

Għandu jitħallas dritt skont l-Avviż Legali 119/2002.

L-20 ta' Frar, 2024

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Feast of Palm Sunday, 24th March, 2024
Setting up of Kiosks

The Ħal Għargħur Local Council notifies that it is accepting applications for the setting up of kiosks for the occasion of Palm Sunday. These applications are to reach the Office of the Ħal Għargħur Local Council by not later than Friday, 15th March, 2024, at noon.

Together with the application, the applicant has to submit:

Identity card;
Photo of the kiosk;
Certification from the VAT Department;
Trade Licence;
Certificate issued by the Department of Public Health.

If one of these documents is not presented, the application will not be accepted.

A fee should be paid in accordance to Legal Notice 119/2002.

20th February, 2024

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, f'dawn it-toroq imsemmija hawn taħt mhux se jkun permess parkeġġ kif wkoll vetturi li jibqgħu pparkjati jiġu rmunkati, u ħlas isir min-naħa tal-proprjetarju tal-vettura.

Clearances ta' karozzi pparkjati:

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Karmelitani minn Triq il-Liedna sa Triq Hompesch;

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024, mis-6.00 p.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq il-Karmelitani minn Triq Hompesch sa Paul and Waters;

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq Hompesch minn Triq il-Karmelitani sa Triq is-Sur (in-naħa tal-knisja);

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mis-6.00 p.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq Hompesch mil-lights sa Triq is-Sur (faċċata tal-knisja);

Minn nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq is-Sur iż-żewġ parkeġġi quddiem l-EGO stationery.

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, parking will not be permitted in the streets and dates mentioned below; parked vehicles will be towed at the owner's expense.

Clearance of parked cars:

On Wednesday, 20th March, 2024, from 3.00 p.m. till midnight, through Triq il-Karmelitani from Triq il-Liedna till Triq Hompesch;

On Wednesday, 27th March, 2024, from 6.00 p.m., till Friday, 29th March, 2024, at 1.00 a.m., through Triq il-Karmelitani from Triq Hompesch till Paul and Waters;

On Thursday, 28th March, 2024, from 8.00 a.m., till Friday, 29th March, 2024, at 1.00 a.m., through Triq Hompesch from Triq il-Karmelitani till Triq is-Sur (church's side);

On Thursday, 28th March, 2024, at 6.00 p.m., till Friday, 29th March, 2024, at 1.00 a.m., through Triq Hompesch from the lights till Triq is-Sur (church facade);

From Thursday, 28th March, 2024, at 3.00 p.m., till Friday, 29th March, 2024, at 1.00 a.m., through Triq is-Sur the two parking spaces in front of EGO stationery.

Għeluq ta' toroq:

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Karmelitani mill-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali sa Triq Hompesch;

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m., sal-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 a.m., minn Triq il-Karmelitani minn Triq il-Liedna sa Triq Hompesch.

L-20 ta' Frar, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorita' tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10:00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.

Avviż Nru. 7. Bejgħ tale quale ta' sit f' Nru. 39, Triq San Gwann Evengelista, Il-Wardija fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2022_0497. l-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,100 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħdax-il elf u għaxar ewro (€11,010) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 8. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' Sit magħruf bħala "Il-Bur" fil-Wied ta' Santa Marija taż-Żellieqa, Ħal Għargħur muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2013_402. Dan is-sit jista' jkun soġġett għal servitujiet eżistenti favur propjeta' adjaċenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,886 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mija u tnejn u sittin ewro (€1,962) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 9. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax (15) -il sena ta' garaxx mingħajr l-arja tiegħu għax mhijiex inkluża f'Nru. 6, Triq is-Sibi, Qasam tad-Djar tar-Rinella, Il-Kalkara kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala Garage No. 6 fuq il-pjanta

Closure of streets:

On Wednesday, 20th March, 2024, from 5.00 p.m. till midnight, through Triq il-Karmelitani from Social Security Office till Triq Hompesch;

On Thursday, 28th March, 2024, from 8.00 a.m., till Friday, 29th March, 2024, at 1.00 a.m., through Triq il-Karmelitani from Triq il-Liedna till Triq Hompesch.

20th February, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 29th February, 2024, for:

Advt No. 7. Sale tale quale of a site at No. 39, Triq San Gwann Evengelista, Il-Wardija in the limits of San Pawl il-Bahar as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0497. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eleven thousand and ten Euros (€11,010) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 8. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site known as "Il-Bur" at Il-Wied ta' Santa Marija Taz-Zellieqa, Gharghur, shown edged in red on plan P.D.2013_402. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,886 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred and sixty-two Euros (€1,962) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document

Advt No. 9. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace as it is not included at No. 6 Triq is-Sibi, Rinella Housing Estate Kalkara as shown edged in red and marked Garage No. 6 on the plan P.D.77_84_1_6.

P.D. 77_84_1_6. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred Euros (€1,900) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

L-Avviż Nru. 10 ġie rtirat.

Advt No. 10 has been withdrawn.

Avviż Nru. 11. Kiri għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax (15)-il sena ta' Ħanut tale quale f'Nru. 182, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq it-Teatru, Il-Belt Valletta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_190. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €33,507 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħdax-il elf u mija u disgħa u sittin ewro (€11,169) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 11. Lease for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a Shop tale quale at No. 182, Triq il-Merkanti, cornering with Triq it-Teatru, Valletta as shown edged in red on the plan P.D. 2013_190. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €33,507 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eleven thousand and one hundred and sixty-nine Euros (€11,169) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 12. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-fond 'Morning Star' Triq Ġanni Vassallo, Ir-Rabat,Għawdex kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0416. San is-sit huwa mdawwar minn propjetajiet ta'terzi (landlocked). L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,900 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u erbgħin elf u ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€145,564) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 12. Sale tale quale of a site at the back of the premises at 'Morning Star' Triq Ganni Vassallo, Rabat, Ghawdex as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four Euros (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 13. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' Sit tale quale biex jintuża biss għal skop ta' ġnien fi Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra "B" fuq il-pjanta P.D.2011_959_A_2. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjeta' adjaċenti. Din il-propjeta' trid tintuża biss għal skop ta' estensjoni ta' front garden u biex jiġi kkrejat side curtelage . Fl-eventwalità li dan is-sit jiġi ppjanat għal units residenzjali u/jew kummerċjali, l-emfitewta ikun obbligat iħallas id-differenza għat-titjib fil-valur tas-sit.

Advt No. 13. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale to be used solely for gardening purposes at Triq il-Kamumilla Zejtun as shown edged in red and marked Letter "B" on the plan P.D. 2011_959_A_2. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. This property shall be used solely for the purposes of extending the front garden and creating a side curtilage. In the eventuality that the site is planned for development of residential and/or commercial units, the emphyteuta shall be obliged to pay for the enhancement value of the site.

Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax (15)-il sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,010 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u sitt mija u sebgħin ewro (€1,670) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal

The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,010 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and six hundred and seventy Euros (€1,670) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as

dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

L-20 ta' Frar, 2024

L-AĠENZIJA GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITÀ
(VSA)

Espressjoni ta' Interess (VSA/196/2022)
għall-Ħatra ta' Interpreti mal-Aġenzija
għall-Vittmi tal-Kriminalità
13 ta' Frar, 2024

L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità (VSA) ġiet stabbilita biex taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt nazzjonali għall-vittmi tal-kriminalità. Is-servizzi offruti huma orjentati lejn il-vittma, ipprovduti bla ħlas u aċċessibbli għal kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni suġġetti direttament jew indirettament għal reat kriminali.

L-Aġenzija qed toħroġ din l-espressjoni ta' interess biex tistieden interpreti biex jiffurmaw parti mill-VSA Pool of Interpreters.

Sottomissjoni

Termini u Kundizzjonijiet, inklużi l-miżati, jistgħu jitniżżlu permezz tas-sit elettroniku ta'VSA (https://victimsupportagency.com/procurement/).

Fornituri ta' servizzi interessati għandhom jissottomettu espressjoni ta' interess, jindikaw il-kodiċi u lingwa flimkien ma' CV u kwalifikazzjoni kkonċernata għall-attenzjoni tar-Riżorsi Umani, VSA. Is-sottomissjoni trid tiġi sottomessa permezz ta' ittra elettronika lil (vsa-hr@gov.mt) sa mhux aktar tard mill-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024.

Nota Ġenerali: Din l-istedina għal Espressjoni ta' Interess bl-ebda mod m'għandha tkun ikkunsidrata bħala rbit kuntrattwali fit-tul u l-Aġenzija żżomm id-dritt li tfittex servizzi alternattivi skont il-bżonn.

L-20 ta' Frar, 2024

the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

20th February, 2024

VICTIM SUPPORT AGENCY
(VSA)

Expression of Interest (VSA/196/2022)
for the Appointment of Interpreters
with the Victim Support Agency
13th February, 2024

The Victim Support Agency (VSA) has been established to act as a national contact point for victims of crime. Through its dedicated services, it adopts a victim-oriented approach providing for free and accessible victim support services to any person or group of persons subjected directly or indirectly to a criminal offense.

The Agency is issuing this expression of interest to invite qualified interpreters to form part of the VSA Pool of Interpreters.

Submission

Terms and Conditions, including fees can be downloaded through the VSA website (https://victimsupportagency.com/procurement/)

Interested service providers are to submit an expression of interest, indicating interpreter code and language together with a CV and a copy of professional qualification in the language concerned to the attention of Human Resources, VSA. Submission must be submitted by email to (vsa-hr@gov.mt) by not later than Sunday, 31st March, 2024.

Disclaimer: This invitation for Expression of Interest is in no way binding on the Victim Support Agency. A commitment will come about only when a request for services is issued by the VSA. The expression of interest is published without prejudice that the VSA may seek alternative services.

20th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-3183/24. 'Warfarin tablets'
CFT 020-3194/24. 'Polyurethane foam dressing with silver'

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-3182/24. 'Clindamycin hydrochloride 150 mg tablets/capsules'
CFT 009-3184/24. 'Digital low reading thermometers for various entities'
CFT 020-3185/24. 'Disposable minor surgery instrument set'
CFT 020-3186/24. 'Hydrocolloid dressing 10 x 10cm'
CFT 020-3187/24. 'Closed orthopaedic bone cementing preparation system for hip surgery – pay per use
CFT 009-3188/24. Xiri ta' '1,500 litre refrigerators' għad-Dipartiment tal-Farmaċewtika f'RHKG – kwantità 2
CFT 020-3189/24. 'Low profile flow diverter għal endovascular treatment of neurovascular aneurysms'
CFT 013-3190/24. Basktijiet tal-plastik b'HD print aħmar u aħdar
CFT 020-3191/24. 'Aortic cannulae with diffuser tip 20 and 22Fr'
CFT 020-3192/24. 'Sterilisation tablets'
CFT 021-3193/24. 'Prednisolone 5mg soluble tablets'
CFT 020-3195/24. 'Hydrocolloid thin – extra thin dressings'
CFT 020-3196/24. 'Orbital implants and conformers'
CFT 009-3197/24. 'Functional electrical simulator (FES)'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-20 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 6th March, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-3183/24. Warfarin tablets
CFT 020-3194/24. Polyurethane foam dressing with silver

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 12th March, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-3182/24. Clindamycin hydrochloride 150 mg tablets/capsules
CFT 009-3184/24. Digital low reading thermometers for various entities
CFT 020-3185/24. Disposable minor surgery instrument set
CFT 020-3186/24. Hydrocolloid dressing 10 x 10cm
CFT 020-3187/24. Closed orthopaedic bone cementing preparation system for hip surgery – pay per use
CFT 009-3188/24. Purchase of 1,500 litre refrigerators for the pharmacy department at RHKG – qty 2
CFT 020-3189/24. Low profile flow diverter for endovascular treatment of neurovascular aneurysms
CFT 013-3190/24. Clear plastic bags with red and green HD print
CFT 020-3191/24. Aortic Cannulae with Diffuser Tip 20 and 22Fr
CFT 020-3192/24. Sterilisation tablets
CFT 021-3193/24. Prednisolone 5mg soluble tablets
CFT 020-3195/24. Hydrocolloid thin – extra thin dressings

CFT 020-3196/24. Orbital implants and conformers
CFT 009-3197/24. Functional electrical simulator (FES)

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

20th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2024.

ERU1502U24A – Medicinal
ERU1502U24B – Medicinal
ERU1502U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-20 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 21st February, 2024.

ERU1502U24A – Medicinal
ERU1502U24B – Medicinal
ERU1502U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

20th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024.

ERU1602U24A – Devices
ERU1602U24B – Medicinal
ERU1602U24C – Devices
ERU1602U24D – Devices
ERU1602U24 – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-20 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 22nd February, 2024.

ERU1602U24A – Devices
ERU1602U24B – Medicinal
ERU1602U24C – Devices
ERU1602U24D – Devices
ERU1602U24 – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

20th February, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

379

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-1 ta' Frar 2024, fuq talba ta' Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 1st February 2024, following a request of the Directorate for

noe ġie ordnat sabiex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mariosa Chircop, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 148/2022AL, fl-ismijiet Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) noe vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) bħala kuratriċi ad litem tal-minuri – omissis - vs Valentina D'Amato (KI 0085793M), Andrea D'Amato (KI 0353894M), id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Mariosa Chircop (KI 0020578G) għal kull interess li jista' jkollha fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 148/2022AL, ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-13 ta' Lulju, 2022, d-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) f'isem il-minuri talbet lil din l-Onorabbli Qorti u Remenda Grech kkonfermat bil-ġurament f'isem id-Direttorat sabiex:

Tordna illi l-intimati Andrea u Valentina D'Amato jissottomettu rwieħhom għal testijiet ġenetiċi sabiex jiġi determinat jekk il-minuri in kwistjoni humiex fil-fatt ħuthom u konsegwentement ulied id-defunt Philip D'Amato;

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti trid ċertezza legali, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti tħoss li għandha tagħti fic-cirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li l-kadavru tal-konvenut defunt Philip D'Amato jiġi eżumat sabiex isiru t-testijiet xjentifiċi li għandhom isiru sabiex jiġi redatt Paternity Test Report.

Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti huma l-ulied naturali u bioloġiċi ta' Philip D'Amato;

Tiddikjara li Philip D'Amato huwa għal finijiet u effetti kollha tal-liġi l-missier naturali tar-rikorrenti minuri;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-Atti tat-Twelid bin-numri ta' iskrizzjoni 2428 tas-sena 2004, 2603 tas-sena 2005, 2934 tas-sena 2007, 4076 tas-sena 2008 u 1003 tas-sena 2011, inkluż billi fl-istess atti jitneħħew il-kliem 'Jedah Fadalla Almari' fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidħlu l-kliem 'Philip D'Amato';

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtiega fl-Atti tat-Twelid tal-minuri ta' iskrizzjoni 3548 tas-sena 2011, inkluż billi fl-istess att jitneħħew il-kliem 'unknown father' fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidħlu l-kliem 'Philip D'Amato';

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-Atti tat-Twelid bin-numri ta' iskrizzjoni 2428 tas-sena 2004, 2603

Alternative Care (Children and Youths) noe it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Mariosa Chircop, in the records of the Sworn Application 148/2022AL, in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) noe vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application in the names Director of Alternative Care (Children and Youths) as curator ad litem for the minors – omisis - vs Valentina D'Amato (ID 0085793M), Andrea D'Amato (ID 0353894M), Director Public Registry and Mariosa Chircop (ID 0020578G) for any interest she may have, in the records of the Sworn Application bearing reference 148/2022AL, filed in the Civil Court (Family Section), on the 13th July, 2022, the applicant director of Alternative Care (Children and Minors) on behalf of the minors requested this Honourable Court and Remenda Grech confirmed on oath on behalf of the Directorate so that it:

Orders that the respondents Andrea and Valentina D'Amato submit themselves to genetic tests in order to determine if the minors in question are in fact their siblings and consequently the children of the deceased Philip D'Amato;

Without prejudice to the first request, in the event that this Honorable Court wishes to have legal ċertainty, subject to any declaration that this Court feels it should give in the circumstances, this Honourable court shall order that the body of the deceased defendant Philip D'Amato be exhumed in order to carry out the scientific tests that must be carried out in order to execute a Paternity Test Report;

Declare and decide that the applicants are the natural and biological children of Philip D'Amato;

Declare that Philip D'Amato for all the effects and purposes of law is the natural father of the minor applicants;

Order the defendant Director of Public Registry, to make all the necessary corrections in the Birth ċertificates with reġistration numbers 2428 of the year 2004, 2603 of the year 2004, 2934 of the year 2007, 4076 of the year 2008, and 1003 of the year 2011, including by removing in the same acts the words 'Jedah Fadalla Almari' in the column of the name of the father of the baby and entering instead the words 'Philip D'Amato';

Order the defendant Director of the Public Registry, to make all the necessary corrections in the Acts of Birth of the minors with reference 3548 of the year 2011, including by removing the words 'unknown father' in the column of the name of the baby's father and instead enter the words 'Philip D'Amato';

Order the defendant Director of Public Registry, to make all the necessary corrections in the Birth ċertificates with reġistration numbers 2428 of the year 2004, 2603 of the

tas-sena 2005, 2934 tas-sena 2007, 4076 tas-sena 2008, 1003 tas-sena 2011 u 3548 tas-sena 2011, inkluż billi fl-istess atti jitneħħew il-kliem 'Almari' u jew Chircop fil-kolonna ta' isem u kunjom il-wild u minflok jidħol il-kunjom D'Amato;

Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jippublika l-Atti tat-Twelid hekk kif korrett.

U dan taħt dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi odjerni.

Bl-ispejjeż u b'hekk il-konvenuti ngunti minn issa għas-subizzjoni.

rikorrenti: Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) – 36, Triq l-Isptar San Luqa, Tal-Pietà.

Intimati: kuraturi deputati

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat Kura Alternativa noe vs Valentina D'Amato et tinsab differita għat-23 ta' April 2024 fid- 9.15a.m.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol ghal dan.

Int ordnat ukoll li tgharraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Ian Spiteri Bailey LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Frar 2024.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 16 ta' Frar 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

year 2005, 2934 of the year 2007, 4076 of the year 2008, 1003 of the year 2011 and 3548 of the year 2011, including by removing in the same acts the words 'Almari' and, or 'Chircop' in the column of the child's name and surname and entering the surname instead D'Amato;

Order the same defendant Director of the Public Registry to publish the Birth ċertificates as soon as they are corrected.

And this under those provisions that this Honourable Court deems appropriate and opportune to impose in the present circumstances.

With costs and from now the respondents are summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: Directorate of Alternative Care (Children and Minors) – 36, Triq l-Isptar San Luqa, Pietà.

Notification : deputy curators

The application in the names Director of Alternative Care (Children and Youths) noe vs Valentina D'Amato et is postponed for hearing for the 23rd April 2024 at 9.15a.m.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey LL.D. ,Doctor of Laws.

Today 9th February 2024.

Registry of the Civil Court (Family Section), today 16th February 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

380

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet E&G Developments Limited vs Mary Borg Rikors Nru

By means of a decree of the 16th January, 2024 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names E & G Developments Limited vs Mary Borg,

542/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet E&G Developments Limited (C-79664) vs Mary Borg (KI 540429M) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-2 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti E & G Developments Limited (C -79664) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

Jiddikjara u jiddeciedi li l-intimata Mary Borg hija l-unika inkwilina tal-appartament 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, u partikolarment għall-finijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69);

Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata, ai termini tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kapitolu 69 u jiddetermina jekk l-istess intimata tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

F'każ li dan il-Bord isib li l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

Ixolji l-kirja favur l-intimata tal-appartament 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan;

Jagħti żmien perentorju lill-intimata, li ma' jkunx iżjed minn sentejn sabiex tivvaka minn dan il-fond u tirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti;

Jistabilixxi l-kera pagabbli mill-intimata lill-esponenti għall-okkupazzjoni ta' dan il-fond matul l-imsemmi perjodu;

F'każ li dan il-Bord isib li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimata għar-rigward tal-imsemmi appartament 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan, għall-ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fil-1 ta' Jannar 2023, u jikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponent il-kera hekk riveduta, bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li tibqa' ingunta minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti inkluż għar-ripreża u għad-danni, jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: E&G Developments Limited, 88, Imsida Valley Road, Birkirkara.

Intimata: Mary Borg, 3, Flat 8, Villa St Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan.

Application Number 542/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Borg in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names E & G Developments Limited (C-79664) vs Mary Borg (ID 540429M) filed before the Rent Regulation Board, on the 2nd November 2023, the applicant E & G Developments Limited (C-79664) requested this Honourable Board to:

Declare and decide that the respondent Mary Borg is the sole lessee of the premises 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan for all the purposes and effects of law and particularly for the purposes of the the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Chapter 69);

Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A(3)(c) of Chapter 69 and determine whether the same respondent meets the criteria of the means test for income and capital:

In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the means test for income and capital:

Dissolve the lease in favour of the respondent of the premises that is 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius , Triq Scicluna, San Ġiljan;

Give the respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition in favour of the applicant;

Establish the rent payable by the respondent to the applicant for the occupation of the premises during the said period.

In the event that this Board finds that the respondent meets the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent regarding the premises that is 3, Flat 8, Villa Saint Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan to an amount of up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January 2023 and condemn the respondent to pay the applicant the revised rent, with the same current installments or in different ways as this Board might establish at its discretion.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to her oath be made and reserving any other competent action by the plaintiff including the restitution and damages, if the case may be.

Applicant: E&G Developments Limited, 88, Imsida Valley Road, Birkirkara.

Respondent: 3, Flat 8, Villa St Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan.

Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet E&G Developments Limited vs Mary Borg et, rikors numru 542/2023JG jinsab differit għall-4 ta' Marzu 2024 fil-11.50a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Frar 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Housing Authority

The application in the names E & G Developments Limited vs Mary Borg et, Application Number 542/2023JG has been postponed for hearing to the 4th March 2024 at 11.50a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th February 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

381

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Gabriella Vella, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the abovementioned Court.

Today 11th January, 2024

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

405

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, tat-8 ta' Jannar, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Fabian Farrugia ta' 29, Orkid, Flat 6, Triq Reġġie Miller, Il-Gżira GZR 1543, ippreżenta Talba, fil-15 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Pinkish Line Wedding Services Ltd ta' ATL Business Centre, Suite 2, Triq il-Kanun, Santa Venera, u/jew 57, Paloma Bianca, Triq il-Ġarakol, Ħal Għaxaq, sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €1,592.29, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT numru 99/2023) hija differita għall-4 ta' Marzun 2024n fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of the 8th January, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Fabian Farrugia of 29, Orkida Flat 6, Triq Reġġie Miller, Gżira GZR 1543, filed a Claim on the 15th June, 2023, whereby he asked the Tribunal to condemn Pinkish Line Wedding Services Ltd of ATL Business Centre, Suite 2, Triq il-Kanun, Santa Venera and/or 57, Paloma Bianca, Triq il-Ġarakol, Ħal Għaxaq, to pay the plaintiff the sum of €1,592.29, which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT number 99/2023) is deferred on the 4th March, 2024, at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

406

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Gaetano Vella et vs Rita Azzopardi et, Rikors numru 475/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Rita Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Gaetano Vella (KI 133352M) u Mary Curmi (KI 446250M) vs Rita Azzopardi (KI 664653M) u l-Awtorità tad-Djar bħala intervenuta fil-kawża ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-18 ta' Settembru, 2023, ir-rikorrenti Gaetano Vella (KI 133352M) u Mary Curmi (KI 446250M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jirrevedi l-kera tal-fond ossija l-mezzanin bin-numru 20, qabel 18, fi Triq Vincenzo Bugeja, Il-Ħamrun, mikri lill-intimata, b'kirja li oriġinat minn qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, bil-kera llum ta' €241 fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem f'rati ta' €120.50 fix-xhur ta' Frar u Awwissu ta' kull sena, bl-iskadenza li jmiss fi Frar 2024, għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar, 2023, kif ukoll sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u dan ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Subordinament u bla preġudizzju għall-ewwel talba, f'każ illi l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-

By means of a decree of the 16th January, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Gaetano Vella et vs Rita Azzopardi, Application number 475/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rita Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Gaetano Vella (ID 133352M) and Mary Curmi (ID 446250M) vs Rita Azzopardi (ID 664653M) and Housing Authority as intervener in the case filed in the Rent Regulation Board, on the 18th September, 2023, the applicants Gaetano Vella (ID 133352M) and Mary Curmi (ID 446250M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Revise the rent of the premises that the mezzanine number 20 previously 18 Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun, rented to the respondent, by means of a lease before the 1st June, 1995, which rent today is of €241 per year, payable every six (6) months in advance, with the rate of €120.50 that are paid in February and August of each year, with the next installment is in February 2024, and to the amount that does not exceed 2% of the value of the property in the free and unencumbered open market, on the 1st January, 2023, and to established new rent conditions and this in terms of Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta; and

2. Subordinately and without prejudice to the first request, in case the respondent does not satisfy the criteria of

kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-liġi, jippermetti lill-intimata sabiex tivvaka l-imsemmi fond fi żmien sentejn (2) u dan b'kumpens għall-okkupazzjoni favur l-esponenti, matul dan il-perjodu, hekk kif determinat minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Blk III, Bieb B, Triq il-Mimosa, San Ġwann

Intimata: 20, Triq Vincenzo Bugeja, Il-Ħamrun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Gaetano Vella et vs Rita Azzopardi et, Rikors numru 475/2023JG, jinsab differit għall-1 ta' Marzu, 2024, fil-11.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

income and capital of the means test in terms of law, permit the respondent to vacate from the said premises within two (2) years and this by a compensation for the occupation of the premises in favour of the applicants during this period as determined by this Honourable Board.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicants: Blk III, Bieb B, Triq il-Mimosa, San Ġwann

respondent: 20, Triq Vincenzo Bugeja, Ħamrun
Housing Authority

The application in the names Gaetano Vella et vs Rita Azzopardi et, Application number 475/2023JG, has been postponed for hearing to the 1st March, 2024, at 11.50 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

407

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3788/2023, fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited et vs D. G. Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' D. G. Limited u Maria Brincat a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum l-1 ta' Settembru, 2023

Lil D. G. Limited (C30906) ta' 35, Potters Road, Birkirkara

Maria Brincat, 108, Flamingo, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara BKR 1203

Permezz tal-preżenti, GasanMamo Insurance Limited (C5030), flimkien ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) bħala aġent għal u f'isem GasanMamo Insurance Limited għal kull interess li jista' jkollha (1, War Victims Square, Ħal Luqa) flimkien mal-assigurat tagħhom Kevin Borg Degiorgio (KI51482M) ta' 106, Oikumene, Triq Birkirkara, San Ġwann, jirreferu għall-inċident li seħħ fil-25 ta' Novembru, 2021, meta l-proprjetà tas-Sur Borg fl-indirizz hawn fuq indikat sofriet ħsarat kbar b'riżultat ta' għargħar li ġew ikkaġunati per konsegwenza tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fis-sulari sovrastanti l-proprjetà ta' Borg Degiorgio minnek, Brincat tramite l-kumpanija intimata.

By means of a decree of the 19th January, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3788/2023, in the names GasanMamo Insurance Limited et vs D. G. Limited et, the following publication for the purpose of service on the respondents D. G. Limited and Maria Brincat was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 1st September, 2023

To D. G. Limited (C30906) of 36, Potters Road, Birkirkara

Maria Brincat, 108, Flamingo, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara BKR 1203

By the present GasanMamo Insurance Limited (C5030), together with Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) as agent for and on behalf of GasanMamo Insurance Limited for any interest she may have (1, War Victims Square, Ħal Luqa) together with their insured Kevin Borg Degiorgio (ID 51482M) of 106, Oikumene, Triq Birkirkara, San Ġwann, refer to the accident which occurred on the 25th November, 2021, when the property of Mr Borg at the address above indicated suffered major damages with as a result of the flooding caused as a consequence of the construction works being carried out on the floors overlying the property of Borg Degiorgio by you, Brincat through the respondent company.

Kif ġa ġejtu infurmati, stħarriġ ikkummissjonat mill-mittenti stabbilixxa li għalkemm dakinhar ix-xita tabilħaqq kienet qawwija u aktar min-normal, l-għargħar kien ikkawżat prinċipalment mill-fatt li s-sit ta' kostruzzjoni ma nżammx nadif u għall-kuntrarju spiċċa mimli materjal ta' kostruzzjoni u żibel maħlul, li mbagħad niżlu fil-bitħa ta' wara u x-xafts interni tal-appartament ta' Borg Degiorgio, sakemm eventwalment instaddu l-pajpijiet tad-drenaġġ tal-ilma tax-xita u wasslu għall-għargħar u l-ħsarat konsegwenti. Il-mittenti diġà bagħtulkom ritratti u vidjos li juru dan kollu.

Għaldaqstant, intom qed tinżammu responsabbli in solidum bejnietkom għad-danni li rriżultaw, li ġew ikkalkulati mis-surveyor ingaġġat mill-klijenti tiegħi bħala li jiswew €5,910 biex jissewwew. Sussegwentement il-mittenti GasanMamo Insurance Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited ħallsu din is-somma bħala settlement lill-mittenti Borg Degiorgio u ġew surrogati fid-drittijiet tiegħu. Min-naħa tiegħu, Borg Degiorgio rranġa l-ħsarat bi spiża ikbar oltre li kien kostrett iħallas ukoll l-excess fuq il-polza ta' assigurazzjoni tiegħu. Barra minn hekk is-soċjetajiet mittenti inkorrew ukoll is-somma ta' €662 bħala drittijiet tal-loss adjustment surveyor.

Għaldaqstant, intom interpelati sabiex tagħmlu tajjeb għal dawn id-danni kollha sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum min-notifika lilkom ta' din l-ittra uffiċjali.

Fin-nuqqas ta' dan, il-mittenti ma jkollhom l-ebda għażla ħlief li jipproċedu ġudizzjarjament kontrikom.

Ħallsu wkoll l-ispejjeż ta' din l-ittra uffiċjali flimkien mal-imgħaxijiet fuq il-kwantum tad-danni b'effett mid-data ta' din l-ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

As already informed, a survey commissioned by the interpellant established that although on that day the rain was indeed strong and more than normal, the flooding was mainly caused by the fact that the construction site was not kept clean and on the contrary ended up full of construction material and dissolved dumping, which then went down into the backyard and internal shafts of Borg Degiorgio's apartment, until eventually storm water drainage pipes were installed and led to flooding and consequent damages. The interpellants have already sent you photos and videos showing all this.

Thus, you are being held jointly and severally liable between you for the resulting damages, which were calculated by the surveyor engaged by my clients as costing €5,910 to be repaired. Subsequently the interpellants GasanMamo Insurance Limited and Thomas Smith Insurance Agency Limited paid this sum as settlement to the interpellant Borg Degiorgio and were subrogated in his rights. Borg Degiorgio repaired the damages at a higher cost and he was obliged to pay the excess on his insurance policy. Apart from this the interpellant companies also incurred the sum of €662 as loss adjustment surveyor's fees.

Thus, you are solicited to make good for all these damages by not later than fifteen days from the notification to you of this judicial letter.

In default, the interpellants will have no choice but to proceed judicially against you.

Also pay the costs of this judicial letter together with interest on the quantum of damages with effect from the date of this judicial letter till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

408

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Lulju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1448/2023, fl-ismijiet is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Anu Thomas, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Anu Thomas (KI 192329A) of 31, Marija Grazzja, Triq il-Helsien, Ħal Qormi, fil-15 ta' Mejju, 2023, s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, iIl-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien gimgħa minn dina l-ittra, inti tħallas is-somma

By means of a decree given on the 28th July, 2023, in the records of the judicial letter number 1448/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Anu Thomas, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Anu Thomas (ID 192329A) of 31, Marija Grazzja, Triq il-Helsien, Ħal Qormi, on the 15th May, 2023, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of

ta' €8,490.02 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jigi indirizzat lil Cashier Malta Government, Ministry for Health, u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

€8,490.02 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government, Ministry for Health, and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

409

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju, 2023, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1197/2023, fl-ismijiet BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc vs Massimo Galea, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Massimo Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 16 ta' Marzu, 2023

Lil Massimo Galea (KI 0134680M) ta' Earl's Crt, Blk 16, Fl 6, Triq John F. Marks, San Ġwann

Permezz tal-preżenti, il-kumpanija BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc ta' 203, Level 2, Triq D'Argens, Il-Gżira (C41030), tinterpellak sabiex fi żmien ġimagħtejn min-notifika lilek ta' din l-ittra, int tħallasha s-somma ta' €85,316.53 li tinkludi magħha mgħaxijiet ta' €3,727.99. Din is-somma tirrappreżenta bilanċ dovut fuq home loan (Account numru 103527 71 001) konċessa lilek mill-mittenti permezz ta' credit agreement datat 21 ta' Ġunju, 2010, u kuntratt pubbliku sussegwenti magħmul fis-17 ta' Awwissu, 2010, in atti tan-Nutar Dott. Francesca Spiteri Maempel.

L-imgħaxijiet fuq imsemmija nħadmu lkoll fil-14 ta' Marzu, 2023. Għaldaqstant, il-mittenti qed tinterpellak sabiex int tħallasha l-imgħaxijiet minn din id-data sad-data tal-ħlas effettiv bir-rati kummerċjali. Int mitlub ukoll tħallas kwalsijasi charges u fees bankarji dovuti lilha minħabba

By means of a decree of the 30th May, 2023, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1197/2023, in the names BNF Bank plc previously known as Banif Bank (Malta) plc vs Massimo Galea the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Massimo Galea in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 16th March, 2023

To Massimo Galea (ID 0134680M) of Earl's Crt, Blk 16, Fl 6, Triq John F. Marks, San Ġwann

By the present BNF Bank plc previously known as Banif Bank (Malta) plc (C 41030) of 203, Level 2, Triq D'Argens, Gżira, solicits you so that within two weeks from the notification of this letter you pay the amount of €85,316.53 which includes the amount of €3,727.99 as interest. This amount represents the blance due on the home loan (account number 103527 71 001) that was given to you by means of a Credit Agreement dated 21st June, 2010, and by means of a public deed dated 17th August, 2010, in the records of Notary Dr Francesca Spiteri Maempel.

The interest above mentioned was all calculated on the 14th March, 2023. Thus, the applicant is hereby soliciting you also to pay the interest from this date till the date of effective payment, with the commercial rates. You are requested to pay any bank charges and fees due to the Bank

d-dejn tiegħek magħha. Dan kollu qed jintalab ai termini talftehim tiegħek mal-mittenti.

F'każ li l-ħlas mitlub ma jsirx, jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek inkluż bil-ftuħ ta' kawża u bl-ispedizzjoni tal-mandati opportuni. Dan kollu mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri bla bżonn.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali datata 28 ta' Awwissu, 2019, u 3 ta' Marzu, 2021.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

because of the debt. All this is requested in terms of your agreement with the interpellant.

In default, further proceedings will be initiated against you in Court, including the institution of a lawsuit and the issue of the opportune warrants. All this without further notice.

So much for your own guidance and to avoid further unnecessary expenses.

With costs including those of the legal letter dated 28th August, 2019, and 3rd March, 2021.

Registry of the Superior Courts today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

410

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Diċembru 2023 mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4542/2023, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Global Gaming Entertainment Group Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Global Gaming Entertainment Group Ltd a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 27 ta' Ottubru, 2023

Lil Global Gaming Entertainment Group Ltd (C86141) ta' Majestic Court 5, St Mary Street, Il-Mellieħa

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €2,319,055.12 rappreżentanti ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

By means of a decree of the 21st December 2023 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4542/2023, in the names Commissioner for Revenue and Customs vs Global Gaming Entertainment Group Ltd, the following publication for the purpose of service on the respondent Global Gaming Entertainment Group Ltd was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th October, 2023

To Global Gaming Entertainment Group Ltd (C-86141) of Majestic Court, 5, St Mary Street, Mellieħa

By the present the Commissioner for Revenue and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €2,319,055.12 representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

411

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jonathan Falzon (KI 222481M) ta' Zuzza, 99, Triq il-Karmnu, Ħal Tarxien, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1887.21, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 339/2023CL) hija differita għat-13 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 18th September, 2023 whereby they asked the Tribunal to condemn Jonathan Falzon (ID 222481M) of Zuzza, 99, Triq il-Karmnu, Ħal Tarxien, to pay the plaintiff company the sum of €1887.21, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim Number 339/2023CL) is deferred on the 13th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

412

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Settembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Anthony Bonnici (KI 68380M) ta' 32, Triq Emvin Cremona, Ħ'Attard, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1089.94, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 330/2023IS) hija differita għall-4 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 25th September, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, filed a Claim on the 18th September, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Anthony Bonnici (ID 68380M) of 32, Triq Emvin Cremona, Ħ'Attard, to pay the plaintiff company the sum of €1089.94, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 330/2023IS) is deferred on the 4th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

413

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Lulju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C41030) ta' 203, Level 2, Triq D'Argens, Il-Gżira, Malta, ippreżentaw Talba, fl-20 ta' Lulju, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Dott. Melvyn Mifsud (KI 0605761M) ta' 52, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema SLM 1573, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,704.53, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 245/2023IS) hija differita għall-4 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th July, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C41030) of 203 Level 2, Triq D'Argens, Gżira, Malta, filed a Claim on the 20th July, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Dr Melvyn Mifsud (ID 0605761M) of 52, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema SLM 1573, to pay the plaintiff company the sum of €3,704.53, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 245/2023IS) is deferred on the 4th March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

414

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-7 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1808/2022, minn Joseph Borg, fejn insegwitu tar-rikors Daniel Borg, ġuvni, bin Joseph Borg u Lucia Borg née Borg imwieled Tal-Pietà, fl-11 ta' Mejju, 1989, ta' 33 sena, u li għandu karta tal-identità bin-numru 243789M, ġie inabilitat b'digriet tal-5 ta' Diċembru, 2022, bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 7th September, 2022, Application number 1808/2022 by Joseph Borg, whereby following the application Daniel Borg, bachelor, son of Joseph Borg and Lucia Borg née Borg, born in Tal-Pietà, on the 11th May, 1989, aged 33, and holding identity card number 243789M, was incapacitated by means of a decree given on the 5th December, 2022, under the conditions therein mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

415

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-26 ta' Jannar, 2024, Rikors numru 68/2024, minn Ivan Vella et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Ivan Vella u Rose Ann Vella wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Joseph Vella, legalment separat minn Eileen Vella née Brookshaw, bin il-mejtin Gerald Vella u Angela Vella née Sultana, imwieled ix-

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th January, 2024, Application number 68/2024, by Ivan Vella et whereby they requested that it be declared open in favour of Ivan Vella and Rose Ann Vella children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Joseph Vella, legally separated from Eileen Vella née Brookshaw, son of the late Gerald Vella and Angela Vella

Xagħra, Għawdex, kien residenti x-Xgħajra, Malta, u miet ix-Xgħajra, Malta, fid-19 ta' Lulju, 2023, ta' 81 sena, u li kellu karta tal-identità numru 30042G.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 16 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

née Sultana, born in Xagħra, Gozo, resided in Xgħajra, Malta, and died in Xgħajra, Malta, on the 19th July, 2023, aged 81, and who held identity card number 30042G.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 16th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

416

DKR 134/2011 – Kanċellazzjoni tal-Iffriżar tal-Assi

Ikun jaf kulħadd illi b'digrieti mogħtija fit-13 ta' Frar, 2023, u d-29 ta' Jannar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Donatella M. Frendo Dimech, LLD) wara rikors ippreżentat minn Costantino Felice fl-4 ta' Jannar, 2023, u insegwitu tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fil-25 ta' Marzu, 2015, Kumpilazzjoni numru 916/2011, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Johann J. Fenech)

Kontra

COSTANTINO FELICE, ta' 37 sena, bin Emanuel u Mary Anne xebba Bugeja, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-13 ta' April, 1986, residenti 'Enqba Farmhouse,' Triq l-Imdina, Ħal Qormi Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija numru 257586M.

IL-QORTI ORDNAT IT-TĦASSIR tal-iffriżar tal-assi kollha tal-imsemmi Costantino Felice, liema ordni kienet ġiet mogħtija permezz ta' digriet datat 24 ta' Awwissu, 2011, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Miriam Hayman, LLD) u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Awwissu, 2011.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-Artikolu 22A (2)(b)(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 16 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

DKR 134/2011 – Cancellation of a Freezing Order

It is being notified that by decrees dated 13th February, 2023 and 29th January, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD) after an application filed by Costantino Felice on the 4th January, 2023, and following judgement given by the same Court on the 25th March, 2015, Compilation number 916/2011, in the case in the names:

The Police
(Inspector Johann J. Fenech)

Versus

COSTANTINO FELICE, 37 years, son of Emanuel and Mary Anne née Bugeja, born in Tal-Pietà, Malta, on the 13th April, 1986, residing at 'Enqba Farmhouse,' Triq l-Imdina, Ħal Qormi, Malta, and holder of Maltese identity card number 257586M.

THE COURT ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Costantino Felice, which order was given by a decree dated 24th August, 2011, by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Miriam Hayman, LLD) which was duly published in the Government Gazette of the 30th August, 2011.

This notice is being published according to section 22A (2)(b)(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today 16th February, 2024

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

417

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Frar, 2024, fuq rikors ta' Cachia Patrick (KI 179954M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament immarkat numru sitta (6), f'43, Shishman Court, fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien, li jikkonsisti minn appartament fit-tieni sular (first floor) bi dħul minn intrata, taraġ u lift komuni bejn disa' appartamenti u huwa aċċessibbli minn taraġ u lift komuni u sovrapost u sottopost għal l-appartamenti ta' terzi, u huwa suġġett u jgawdi s-servitù tal-mogħdija tal-katusi tad-drains, drenaġġ, u ilma tax-xita mill-fondi sottoposti u sovrastanti għal fini ta' manutenzjoni, riparazzjoni u tiswija tal-istess katusi f'ħinijiet raġonevoli u bi pre avviż. Inoltre jgawdi s-servitù ta' tqegħid u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' kapaċità ta' mhux aktar minn seba' mija u ħamsin litru (750L) fuq l-ogħla bejt tal-blokk kif ukoll dritt ta' aċċess għal fuq l-imsemmi bejt għal skop ta' installazzjoni, manutenzjoni u riparazzjoni tal-istess tank tal-ilma u dan f'ħinijiet raġjonevoli u bi preavviż xieraq. L-appartament igawdi wkoll id-dritt li jqabbad bi ħlas ma' sistema komuni waħda ta' television aerial u satellite dish. Finalment, l-appartament huwa suġġett għas-servitujiet passivi u jgawdi d-drittijiet u servitujiet attivi riżultanti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu fil-blokk, inkluż porzjon diviż tal-bejt tal-blokk fit-third floor ta' ċirka ħames metri kwadri (5m2) inkluż l-arja tagħha sabiex tintuża biss għall-inxir b'żiemel u mhux b'xi arbli tal-inxir u dan kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Jonathan Zammit tat-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (13.1.2009), u li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq il-Witja, fuq il-Punent ma' proprjetà ta' Jos Jane Construction Ltd, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew suċċessuri tiegħu, kif deskritt fl-atti tan-Nutar James Grech datat tnejn u għoxrin ta' Frar, tas-sena elfejn u sbatax (22.2.2017), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

Il-garaxx internament innumerat erbgħa (4) ta' karozza waħda b'kejl internament li jvarja minħabba x-xtur, fil-livell sotterran (semi basement), u li jifforma parti mill-istess blokka bl-isem 'Shishman Court' fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien, aċċessibbli minn rampa minn l-istess triq, mingħajr l-arja tiegħu u jinsab sottomess proprjetà ta' terzi fil-livell terran (ground floor) tal-istess blokka residenzjali.

L-imsemmija appartament numru sitta (6) u l-garaxx internament innumerat erbgħa (4) jiffirumaw parti mill-blokk li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th of February, 2024, on the application of Cachia Patrick (ID 179954M), Thursday, 23rd May, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika,Valletta, of the following property:

The apartment marked number six (6), in 43, Shishman Court, in Triq il-Witja, Ħal Tarxien, consisting of an apartment on the first floor with entrance from an entrance hall, stairs and lift in common between nine apartments and which is accessible from a common stairs and lift and is overlying and underlying third party apartments, and is subject to and enjoys from the servitudes of pipe drains, drainage and rain water paths from the underlying and overlying tenements for maintenance, servicing and repairs purposes of the said pipe drains in reasonable hours and with a pre notice. More over, it enjoys the servitude of the laying and maintenance of a water tank of capacity not more than seven hundred and fifty litre (750L) on the highest roof of the block as well as the right of access to the said roof for installation, maintenance and repairs purposes of the said water tank, in reasonable hours and with an adequate pre notice. The apartment also enjoys the right, that against payment, connects with a common system of a television aerial and satellite dish. Finally, the apartment is subject to the passive servitudes and enjoys the rights and active servitudes resulting from its relative position in the block, including the divided portion of the roof of the block on the third floor of circa five metre square (5m2) including its airspace to be used only for drying clothes on a clothes horse and not by means of a clothes line poles and this as resulting from the contract in the acts of Notary Doctor Jonathan Zammit dated thirteenth January of the year two thousand and nine (13.1.2009), and which is bounded on the north by the public street Triq il-Witja, on the west by property of Jos Jane Construction Ltd, and on the east by property of the brothers Galea or their successors in title, as described in the acts of Notary James Grech dated twenty second of February, of the year two thousand and seventeen (22.2.2017), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

The one car garage internally numbered four (4), with internal measurements varying due to lack of symmetry, situated at semi basement level, and which forms part of the same block 'Shishman Court' in Triq il-Witja, Ħal Tarxien, accessible from a ramp from the same street, without its airspace and is underlying third party property on the ground floor level of the same residential block.

The said apartment number six (6) and the internal garage numbered four (4) form part of the block which is bounded on the North by the public street Triq il-Witja, on the west

il-Witja, mill-Punent ma' proprjetà tal-konjuġi Genuis, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom fit-titolu u huma stmati li jiswew mitejn u wieħed u disgħin elf ewro (€291,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Cachia Glenn (KI 448693M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 47/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by property of the spouses Genius, on the east by property of the brothers Galea or their respective successors in title and are valued at two hundred and ninety one thousand euro (€291,000).

The said tenement is the property of Cachia Glenn (ID 448693M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 47/2022.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 19th February, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

418

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Frar, 2024, fuq rikors ta' Joseph Farrugia (KI 732856M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond uffiċjalment immarkata bin-numru tlieta u ħamsin (53) ġja tletin (30) fi Triq il-Kbira, Iż-Żurrieq, u żewġt ikmamar waħda fuq l-oħra li ġew segregati mill-fond numru disgħa u għoxrin (29) fi Triq il-Kbira, Iż-Żurrieq, li huma kontigwi għal beni tal-kompratur u dana skont l-atti pubbliċi tal-ħdax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgħa u tmenin (11.10.1987) u tad-disgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (29.10.1985) rispettivament. Dan il-fond jinkorpora fih binja ta' tliet sulari b'ċirka ta' mija sebgħa u sebgħin metru kwadru (177m^2) liberu u frank bi drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u bil-pussess battal garantit inklużi l-bejt u l-arja sovvrastanti, madankollu preżentament il-fond huwa okkupat minn terzi u stmat li jiswa sitt mija ħamsa u tletin elf ewro (€635,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Żurrieq Football Club.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 51/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 19 ta' Frar, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th February, 2024, on the application of Joseph Farrugia (ID 732856M), Tuesday 21st May 2024 at half past eleven in the morning (11:30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78 nearby the Archieves, Level -1, Court of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement officially numbered fifty three (53) previously thirty (30) in Triq il-Kbira, Żurrieq, and two rooms one on each other that were taken from the tenement numbered twenty nine (29) in Triq il-Kbira, Żurrieq, that are adjacent to the property of the buyer and this according to the public deeds eleventh October of the year one thousand nine hundred and eighty seven (11.10.1987) and of the twenty ninth of October of the year one thousand nine hundred and eighty five (29.10.1985) respectively. This tenement incorporates a three-storey building which approximately measures one hundred and seventy-seven square meters (177m^2) free and unencumbered with all its right and appurtenances and with vacant possession including the roof and its overlying airspace, however presently the tenement is occupied by third parties and valued six hundred and thirty-five thousand euro (€635,000).

The said tenement is the property of Żurrieq Football Club.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 51/2019.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 19th February, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*